MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 21/2004/3

**St. George's Park Company Limited**

**v.**

**Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima,
Ir-Registratur tal-Qorti u l-P.L. Edgar Montanaro**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Din hi sentenza fuq rikors dwar talba ghar-ritrattazzjoni ta' kawza deciza u li ghaddiet in gudikat b'sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Lulju, 2008 li taqra hekk:

“1.1. Dan hu appell ad istanza tas-socjeta` rikorrenti St. George’s Park Company Limited minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ April 2005 fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha dik il-Qorti cahdet it-talba maghmula mir-rikorrenti fir-rikors promotorju taghha bl-ispejjez kontra taghha.

“1.2. Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, qieghed jigi riportat hawn taht in toto dak li gie deciz mill-Qorti ta’ l-ewwel grad:-

“Il-Qorti:

“Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fl-14 ta’ Jannar, 2004, li in forza tieghu wara li ecepiet illi:

“Is-socjeta` esponenti St. George’s Park Company Limited ntavolat proceduri gudizzjarji fl-ismijiet St. George’s Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et (Citazzjoni Numru 1908/00GV), liema proceduri huma pendenti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell:

“Dawn il-proceduri jinvolvu talba lill-Qorti tiddikjara illi bl-agir taghha, is-socjeta` konvenuta kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt lokatizju vigenti bejn il-partijiet datat 15 ta’ Ottubru, 1988. Konsegwentement, intalbet ukoll ir-rizoluzzjoni tal-kirja skond it-termini tal-istess skrittura ta’ lokazzjoni u l-izgumbrament tal-konvenuti fi zmien qasir u perentorju. Intalbet ukoll il-likwidazzjoni ta’ ammont dovut bhala penali skond il-kuntratt lokatizju, kif ukoll il-hlas ta’ l-imsemmija penali. (Dokument A, kopja tac-citazzjoni, Dokument B ta’ l-eccezzjonijiet, Dokument C kopja ta’ l-iskrittura ta’ lokazzjoni).

“L-esponenti kienet rapprezentata f’dawn il-proceduri mill-intimati Dr. Noella Grima u Dr. Hugh Peralta, Pero` waqt is-smiegh tal-kawza dawn irrinunzjaw ghall-patrocinju tar-rikorrenti.

“Permezz ta’ ittra ufficjali datata 15 ta’ Dicembru, 2003 u notifikata fit-22 ta’ Dicembru, 2003 l-intimati interpellaw lir-

rikorrenti thallas is-somma ta' disat elef hames mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u hamsin centenzmu (Lm9,541.55) drittijiet u VAT, bhala drittijiet ghall-prestazzjonijiet professjonali fil-kawza St. George's Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et, citazzjoni numru 1908/00GV u dana skond taxxa annessa ma' l-istess ittra ufficjali (Dokument D).

"Id-dritt ta' avukat u prokuratur legali li jabbanduna l-klijent wara li jinghalqu l-proceduri bil-miktub imma qabel mal-kawza tigi mhollija ghas-sentenza ghandu jkun zewg terzi (2/3) tat-tariffa stabbilita kif inhu l-kaz.

"L-esponenti tixtieq tattakka din it-taxxa bhala irregolari u konsegwentement inattendibbli.

"Fl-opinjoni tal-esponenti huwa pacifiku li ntaxxar tad-drittijiet tal-kawzi ghandu jigi regolat mill-Iskeda A u E tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sakemm il-klijent u l-avukat ma jkunx ftiehem li jithallas b'rati ohra permessibbli mill-ligi (ara Artikolu 47*a* ta' l-Iskeda E).

"Meta t-tariffi jinkludu drittijiet varjabbli b'minimu u massimu ir-Registratur ghandu jistabilixxi tali rati skond il-kriterji misjuba fil-Kodici tal-Etika u Mgieba ghall-Avukati (ara Artikolu 46 ta' l-Iskeda E).

"Il-punti principali ta' dan ir-rikors huma s-segwenti:

"1. Illi galadarba l-kawza ghadha pendenti quddiem il-Qorti taxxa finali ta' drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma l-kawza tigi deciza; u

"2. Illi l-metodu ta' intaxxar uzat mir-Registrat kien erronju u irregolari; u ma saret ebda referenza ghall-Kodici tal-Etika u Mgieba tal-Avukati bhala kriterju li ntuza ghall-intaxxar tal-kawza.

"1. Taxxa ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma il-kawza tigi deciza.

“It-Taxxa rilaxxjata mill-konvenut Registratur tal-Qrati hija intestata “Taxxa ta’ drittijiet u spejjez gudizzjarji ta’ Dr. Noella Grima/Dr. H. Peralta f’ismijiet ta’ kawza Numru 1908/00 St. George’s Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et” u dan specifikament tar-rinunzja patrocinju skond skeda A, Tariffa E para. 33 tal-Kap. 12 u dan ghal kull effett u fini tal-ligi. Rilaxxjat lil Dr. Grima”. Ghalfejn giet inkluza l-ahhar frazi jibqa’ jafu min kitibha biss.

“Il-para. 33 imsemmi hawn fuq jiddisponi li fil-kaz li avukat jitlaq il-klijent jew jigi abbandunat mill-klijent wara li r-rikors, ic-citazzjoni, in-nota ta’ l-eccezzjonijiet jew ir-risposta, tkun giet pprezentata, u wara dawn l-istadji ta’ hawn fuq izda qabel ma tigi differita l-kawza ghas-sentenza, ikun intitolat ghal zewg terzi tad-dritt normali. Dan ifisser li kull taxxa li tigi rilaxxjata lill-avukat tippresupponi l-ezistenza tad-“dritt normali”.

“L-unika interpretazzjoni logika ta’ “dritt normali” f’dan il-kontest ma tistax tkun ghajr riferenza specifika ghal dak id-dritt li fin-normalita’ tal-kazijiet jigi intaxxat fl-ahhar ta’ l-gudizzju. Ikun f’dak l-istadju li t-tassazzjoni tad-drittijiet maghmula mir-Registratur tista’ tigi attakkata quddiem il-qorti fil-konfront ta’ l-interessati kollha kif tiddisponi l-ligi. Qabel ma tigi deciza l-kawza d-drittijiet jibqghu suxxettibbli ghal varjazzjoni u jistghu qatt ikunu finali.

“Fil-kaz prezenti anqas ma jista’ jinghad li l-konvenut Registratur irrilaxxja taxxa lill-konvenuti l-ohra li turi drittijiet ta’ zewg terzi ta’ dak li fil-fehma tieghu ghandu jkun id-dritt normali u m’hux ta’ dak li effettivament huwa d-dritt normali kif trid it-tariffa, imma l-istess konvenut Registratur agixxa fuq nota maghmula abbuzivament mill-konvenuti l-ohra f’isem is-socjeta` esponenti minghajr il-konsapevolezza taghha u minghajr anqas l-adezjoni tal-kontroparti kif ghandu jsir u fil-fatt normalment issir. Anqas ma seta’ l-konvenut Registratur jagixxi fuq l-imsemmija nota ghaliex din kienet dikjarazzjoni ta’ valur involut fil-kawza come ceduta meta fil-fatt il-kawza kienet u ghadha qed tinstema’.

"Ghal kull buon fini jigi dikjarat li effettivament il-kawza giet sussegwentement deciza fis-26 ta' Frar, 2003 u giet appellata fl-14 ta' Marzu, 2003 mis-socjeta` esponenti.

"1. Metodu Erronju u Irregolari.

"Pero` l-konvenut Registratur mhux biss hareg taxxa li ma setghax johrog ghax ma kellux il-bazi li fuqha seta' johrog, imma anke' ntaxxa ammont verament hazin.

"A. Legalment

"Nhar il-11 ta' April, 2002, l-intimati Dr. Hugh Peralta u Dr. Noella Grima pprezentaw nota f'isem ir-rikorrenti li fiha ddikjaraw li ghall-finijiet ta' taxxa come ceduta il-valur tal-penali fit-talbiet tac-citazzjoni huwa ta' Lm113,800, ikkalkulat bil-mitejn lira (Lm200) kuljum mid-19 ta' Settembru, 2000 sal-10 ta' April, 2002.

"Din in-nota giet pprezentata ad insaputa tar-rikorrenti u minghajr il-permess taghha.

"Anke jekk wiehed jaccetta dan il-valur tal-penali, jidher car li t-taxxa li qed tigi attakkata ma gietx ikkalkulata biss fuq il-bazi ta' dan il-valur, stante li jekk wiehed japplika l-Artikolu 13 tat-Tariffa E tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili id-drittijiet jammontaw ghal elf tlett mija u tlieta u sebghin lira Maltija (Lm1373), li biz-zewg terzi jammontaw ghal disa' mija u hmistax-il lira u tlieta u tletin centezmu (Lm915.33).

"Jidher ghalhekk li it-taxxa kkontestata giet ikkalkulata billi inghadd iz-zmien rimanenti tal-kirja li taghha qed tintalab ir-rizoluzzjoni, mal-kera li ghandu jithallas u sussegwentement gie applikat dak li jipprovdi l-Artikolu 13 tal-Iskeda E fuq riferita.

"Jinghad li waqt li t-Tariffa A tiddetermina d-drittijiet li jithallsu r-Registru, it-Tariffa E tiddetermina d-drittijiet tal-avukat u prokuraturi legali. Iz-Zewg tariffi huma komplementarji.

“Huwa universalment accettat li meta tkun se tigi ntavolata kawza ta’ din in-natura, meta l-valur huwa ndeterminat ghandhom japplikaw ir-regoli misjuba fl-Artikolu 4 tal-Iskeda A. ie

“(1)  Meta l-valur tat-talba ma jkunx cert jew likwidu u ma jistghux jigu ntaxxati d-drittijiet skond l-paragrafu 3, il-valur tat-talba jigi ntaxxat skond ir-regoli li gejjin”.

“Skond is-subinciz (f) li huwa applikabbli ghall-kaz, f’kawza fejn l-attur “ikollu xi dritt kontra xi persuna ohra, liema dritt wiehed ghandu ragonevolment jassumi li jigi segwit minn likwidazzjoni ta’ l-ammont dovut”, u kemm, jekk le, l-valur tal-kawza jigi stabbilit mill-attur mat-talba tieghu.

“Mill-faccata tac-citazzjoni jidher car u manifest li l-kawza giet ntaxxata skond tariffi applikabbli fil-2000 bhala wahda dikjaratorja u ghalhekk thallas dritt ta’ Registru ta’ erbgha u ghoxrin lira (Lm24);

“Fil-fatt u skond l-istess Artikolu 4, subinciz (3) dan il-valur jista’ jinbidel biss mill-Qorti jekk wara s-sentenza finali l-Qorti tkun ddikjarat jew illikwidat ammont bhala valur tal-kawza u dak il-valur huwa cert jew jista’ jigi llikwidat skond il-ligi.

“Hlief ghal dan id-dispost skond l-Artikolu 9(2) it-taxxa tar-registratur tkun finali.

“Fid-dawl tas-suespost, il-valur tal-penali qatt ma seta jigi determinat jew dikjarat f’nota mill-intimati qabel tmiem il-proceduri.

“Inoltre jigi rilevat illi l-Qorti tal-Prim’Istanza cahdet it-talbiet attrici, u ghalhekk ma llikwidatx l-ammont mitlub mill-attrici bhala penali.  Fi kwalunkwe kaz, ghadha ma nghatatx sentenza finali stante li l-proceduri ghadhom pendenti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell.

“Ghalhekk huwa sottomess li galadarba ma jistax jigi applikat id-dispost tal-Artikolu 14 tal-Iskeda E dwar

drittijiet dovuti lill-avukati stante li valur tal-kawza mhux determinat jew determinabbli ghandu japplika l-Artikolu 15 (a) fejn jithallas dritt ta' bejn ghaxar liri (Lm10) u mitt lira (Lm100).

"Peress li si tratta ta' drittijiet li fihom massimu u minimu r-Registratur kien obbligat skond Artikolu 46 tat-Tariffa E japplika l-principji misjuba fil-Kapitolu 4, paragrafu 2 tal-Kodici tal-Etika tal-Avukati.

"B. Fattwalment u ragonevolment.

"Jigi relevat l-ewwelnett li f'kaz fejn il-valur tal-kawza huwa indeterminat, il-valur li jinghata lill-kawza ghandu jkun wiehed ragonevoli li jigi determinat fid-dawl tac-cirkustanzi kollha tal-kawza:

"Meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cioe' ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett taghha. Minn dana jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-'Quod disputatum est', li jista' jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process; u ghal dana l-fini jistghu u ghandhom iservu tant id-dikjarazzjonijiet orali, u "multo magis" l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux imbaghad finalment milqugha jew michuda. (Leslie Grech noe vs Frank Abela et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 25/01/2002)".

"Huwa koncess li l-lokazzjoni li taghha qed tintalab r-rizoluzzjoni hi wahda ta' terminu ta' sitta u disghin sena li bdiet minn Ottubru 1988 kif ukoll li l-kera hu ta' hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) kuljum li joghla skond il-paga minima nazzjonali.

"Jigi sottomess li l-valur ma jistax jigi ddeterminat billi wiehed jikkomputa s-snin li ghad fadal mal-kera li ghandu jithallas ghaliex dan jmur kontra kull principju ta' valutazzjoni. Ezempju car huwa dak ta' cens perpetwu li

ghal skopijiet ta’ valur sabiex jinfeda jigi kkapitalizzat bil-hamsa fil-mija (5%). Huwa pacifiku li cens huwa titolu ferm aktar b’sahhtu f’sens legali minn dak ta’ kera, allura kif jista’ jinghad li t-taxxa ta’ risoluzzjoni ta’ kuntratt ta’ kera huwa oghla minn dak ta’ kuntratt ta’ cens?

“Ghaldaqstant r-rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghogobha thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet ghas-somma ta’ disat elef hames mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm9,541.55) drittijiet u VAT, ghall-prestazzjonijiet professjonali fil-kawza St. George’s Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et, citazzjoni numru 1908/00GV, lilha notifikata permezz ta’ ittra ufficjali notifikata fit-22 ta’ Dicembru, 2003.

“Rat ir-risposta mressqa mill-Prokuratur Legali Edgar Montanaro li biha wiegeb illi:

“Hu gie notifikat bl-atti tar-rikors numru 21/04TM fejn jidher bhala wiehed mill-intimati;

“Dan ir-rikors sar mis-socjeta` St. George’s Park Co Ltd kontra z-zewg Avukati, li kienu jippatrocinawha, r-Registratur tal-Qorti u l-esponent fil-kawza 1908/00 wara li saret ittra ufficjali datata 15 ta’ Dicembru, 2003 (Dok D);

“L-esponent jixtieq jirrileva illi hu ma huwiex parti fl-imsemmija ittra ufficcjali u l-anqas ma irrinunzja ghal patrocinju tas-socjeta` attrici;

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi hu ghandu jigi liberat mil-osservanza tal-gudizzju;

“Bl-ispejjez ghas-socjeta` rikorrenti.

“Rat ir-risposta mressqa minn Dr. Noella Grima u minn Dr. Hugh Peralta [sic] li biha wiegbet illi:

“Il-kwistjoni involuta f’dan ir-rikors hija dwar it-tassazzjoni tad-drittijiet ghall-prestazzjoni professjonali mill-esponenti lill-intimati fil-kawza fl-ismijiet St. Georges Park Company

Limited vs Clouds Catering Limited et citazzjoni numru 1908/00GV.

“L-esponenti kienet tippattrocinja lill-intimati izda irrinunzjat ghall-patrocinju tal-istess intimati waqt is-smiegh tal-kawza, wara li inghalqu l-proceduri bil-miktub izda qabel mal-kawza giet mhollija ghas-sentenza.

“Permezz ta’ ittra ufficjali datata 15 ta’ Dicembru, u notifikata fit-22 ta’ Dicembru, 2003, l-esponenti interpellat lill-intimati thallas is-somma ta’ disat elef hames mija wiehed u erbghin lira Maltin hamsa u hamsin centezmu (Lm9541.55) ghall-prestazzjonijiet professjonali fl-istess kawza hawn fuq imsemmija, skond taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti u VAT.

“Permezz tar-rikors fl-ismijiet hawn fuq premessi, l-intimati qeghdin jattakkaw it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti ghar-rigward tad-drittijiet professjonali tal-esponenti.

“Ir-rikors tal-intimati huwa bbazat fuq zewg punti principali:

“(1) Il-fatt li la darba l-kawza ghadha pendenti quddiem il-Qorti, taxxa finali ta’ drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma l-kawza tigi deciza;

“(2) Il-metodu ta’ intaxxar uzat mir-Registratur huwa erronju u irregolari; u ma saret l-ebda referenza ghall-Kodici tal-Etika u Mgieba tal-Avukati.

“(1) TISTA TAXXA TIGI IKKALKULATA QABEL TIGI DECIZA L-KAWZA?

“L-esponenti tisottometti li l-argument tal-intimati li la darba l-kawza in kwistjoni ghadha pendenti quddiem il-Qorti, taxxa finali ta’ drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma l-kawza tigi deciza, huwa nfondat u bla bazi. Avukat li jirrinunzja ghall-patrocinju tal-klijent tieghu ghandu dritt jithallas meta jittermina l-inkarigu tieghu tant li avukat iehor ma ghandux jaccetta inkarigu meta dan ikun gie moghti lill-avukat iehor, jekk ma jkunx cert li l-avukat precedenti gie mhallas skond il-ligi u dan wkoll a bazi tal-

Kodici ta' Etika u Mgiba ghall-avukati. Din hi wkoll prassi etikament korretta u ben stabilita fil-prestazjonijiet professjonali tal-Avukati fil-kamp extra-gudizzjali. Inoltre il-hlas hu dovut appena s-servizz jinghata u jew l-inkarigu jispicca jew jigi terminat. Dan hu wkoll applikat f'kazijiet ohra simili, per ezempju l-appalt. Taghmel wkoll sens li taxxa tirrifletti l-hlas dovut sal-perjodu tal-prestazjonijiet; altrimenti, jekk per ezempju tinhareg meta tispicca il-kawza tigi li tirrifletti hlas dovut ghall-servizi mhux moghotija (i.e. ghall-perjodu wara li l-inkarigu jispicca). Ghaldaqstant ir-Registratur tal-Qorti kellu kull dritt – anzi kellu l-obbligu – jirrilaxxa it-taxxa in kwistjoni lill-esponenti.

"Jigi rilevat illi l-intimati stess kienu accettaw u qablu li jhallsu d-drittijiet professjonali tal-esponenti hekk kif jinhargilhom il-kont.

"VALUR TAL-PENALI

"L-intimati qed jallegaw illi l-esponenti prezentat nota fejn iddikjarat il-valur tal-penali "ad insaputa" tar-rikorrenti u minghajr il-permess taghha. Illi l-esponenti tirrispingi tali allegazjoni stante illi dan mhux minnu kif jirrizulta u jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kaz.

"(2) METODU TA' INTAXXAR

"Kif qalu ben tajjeb l-intimati fir-rikors taghhom d-drittijiet tal-avukati u l-prokuraturi legali huma determinati minn Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sakemm il-klijenti u l-avukat ma kienux ftehmu li jithallas b'rati ohra permissibli mill-ligi.

"L-esponenti tissottometti illi t-taxxa in kwistjoni hija koretta. It-tassazzjoni fil-kaz odjern ghandha tigi mibnija fuq paragrafu 14 u 13 ta' Tariffa E tal-Iskeda A. Fil-fatt it-taxxa in kwistjoni giet mahduma, ghall-finijiet ta' rinunzja tal-patrocinju skond il-ligi kif trid it-tariffa kif spiegat ahjar hawn taht. "Dritt normali" kif imsemmi f'para 33 ta' Tariffa E Skeda A tal-Kap 12, jfisser dritt mahdum skond il-ligi u mhux dritt intaxxat fl-ahhar tal-gudizzju kif qed jsostnu l-intimati. In oltre ir-Registratur agixxa fuq valur ta' penali

skond nota prezentata mill-esponenti fuq l-awtorizazzjoni tal-intimati stess.

“Paragrafu 14 ta’ Tariffa E jipprovdi illi: “Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta’ xi punt ta’ ligi jew ta’ fatt, ikollha x’taqsam ma valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit”.

“Paragrafu 13 hawn fuq imsemmi imbaghad jipprovdi illi: Ghal kull sentenza definittiva:

“(i) dwar l-ewwel Lm500 jew parti minnha…20.00,0 bhala l-inqas jew 10% skond liema jkun l-oghla;

“(ii) dwar kull valur ‘il fuq mill-ewwel Lm500 sa Lm10,000 ghal kull Lm100…Lm3

“(iii) dwar kull valur ‘il fuq minn Lm10,000 ghal kull Lm100…Lm1.

“Kif qalu ben tajjeb l-intimati dritt ta’ avukat u prokuratur legali li jabbanduna l-klijent wara li jinghalqu l-proceduri bil-miktub izda qabel mal-kawza tigi mhollija ghas-sentenza huwa zewg terzi tad-dritt normali, skond para 33 fuq imsemmi.

“VALUR DETERMINAT

“Il-kawza numru 1908/00GV, fuq imsemmija li fuqha nharget it-taxxa tirrigwarda terminazzjoni ta’ kirja qabel iz-zmien stante ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt lokattizju relativ mill-konvenuti fl-istess kawza. Konsegwentement l-atturi fl-istess kawza talbu ir-rizoluzzjoni tal-kirja, l-izgumbrament tal-konvenuti f’zmien qasir u perentorju u l-likwidazzjoni u hlas ta’ penali skond l-istess kuntratt lokattizju.

“L-esponenti tisottometti li l-intimati mhumiex korretti meta jghidu illi il-valur tal-kawza in kwistjoni huwa ndeterminat. Artikolu 748 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura

Civili Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi “Il-valur ta’ l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba-

“(b) meta t-talba hija ghall-haga li l-valur taghha hu determinat fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni jew f’xi kitba ohra li torbot lill-partijiet…” Mela il-valur ta’ din il-kawza huwa determinat fil-kuntratt ta’ kera li ta’ kawza ghall-azzjoni tal-intimati.

“Fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Axiak vs Avukat Dr. Giuseppe Vella 9/2/1951, L-Onorabbli Prim’Awla qalet:

“Meta l-massa litiguza jkun jidher x’kien il-valur in kontestazjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x’ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem…”

“Fl-kawza fl-ismijiet Leslie Grech noe vs Frank Abela et il-Qorti kienet tal-istess fehma bhal fil-kaz hawn fuq u fil-kaz ta’ Avv. Dr. Giuseppe Pace et vs Dr. Giuseppe Vella – 1/10/1948 regghet qalet:

“Huwa pacifikament ammess mill-Qrati taghna li t-tassazzjoni tal-kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni; Pero` mhux fis-sens tas-semplici incartament, izda fis-sens ta’ l-oggett taghha. U f’dan is-sens il-kumpless ta’ dak li huwa in disputa…”

“KIF JIGI DETERMINAT IL-VALUR.

“Artikolu 750 tal-istess Kap 12 jghid hekk: “Il-valur tal-jedd temporanju ghac-cnus, renti, jew hlasijiet ohra ta’ kull sena, jigi determinat mill-ammont totali tar-renta netta ghaz-zmien li jkun fadal, billi r-renta ta’ kull sena tigi ikkalkulata meta ma tistax tigi determinata xorta’ohra, fuq tas-sena ta’ qabel”.

“Artikolu 755 tal-Kap 12 fuq imsemmi jipprovdi illi “Fil-kawzi dwar l-ezistenza jew il-validita’ ta’ kuntratt ta’ kiri, inkella dwar it-tmiem taghhom qabel iz-zmien miftiehem, il-valur jigi stabbilit –

"(a) fl-ewwel kaz, billi jinghad il-kera taz-zmien kollu li ghalih, bhal ma tippretendi l-parti, il-kuntratt ghandu jibqa' jsehh; u
"(b) fit-tieni kaz, billi jinghad il-kera ghaz-zmien kollu li jkun fadal biex jispicca l-kuntratt".

"Artikolu 756 (1) tal-istess Kodici jghid illi: "Ir-regola migjuba fil-paragrafu (b) ta' l-ahhar artikolu qabel dan tghodd ghall-kawzi ta' zgumbrament ta' kerrej minhabba li jkun lura fil-hlas tal-kera, jew ghal-raguni legittima ohra".

"F'dan il-kaz, il-valur huwa determinat mill-kuntratt ta' kera bejn il-partijiet fil-kawza fuq imsemmija kif wkoll minn nota sottomessa mill-esponenti dwar il-valur tal-penali. Kif qalu tajjeb l-intimati fir-rikors taghhom, il-lokazzjoni li taghha intalbet ir-rizoluzzjoni hi wahda ta' sitta u disghin (96) sena li bdiet f'Ottubru, 1988 bil-kera ta' hamsa u tlettin lira Maltin (Lm35) kuljum u li toghla skond il-paga nazzjonali.

"Il-valur ta' din il-kawza mela huwa determinat mill-process skond ir-regoli imsemmija hawn fuq, cioe' z-zmien rimanenti tal-kirja mal-kera li ghandha tithallas matul il-perjodu li fadal u imbaghad applikat Artikolu 13 ta' Tariffa E fuq imsemmija.

"Ghalhekk l-esponeneti tirrispingi it-tezi tal-intimati li l-valur tat-talba / kawza huwa ndeterminat u kuntrarjament ghal dak li qed jallegaw l-intimati fir-rikors taghhom, tissottometti illi r-regoli misjuba f'Artikolu 4 tal-Iskeda A mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern.

"Ghaldaqstant l-esponenti titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghogobha tikkonferma l-korettezza tal-principji fuq imsemmija, il-korrettezza tat-taxxa in kwistjoni kif mahduma u mahruga jew kif emendata b'dawn il-proceduri u ghalhekk tichad it-talba tal-intimati.

"Rat ir-risposta mressqa minn Dr. Hugh Peralta li biha wiegeb illi:

"Il-kwistjoni involuta f'dan ir-rikors hija dwar it-tassazzjoni tad-drittijiet ghall-prestazzjoni professjonali mill-esponenti

lill-intimati fil-kawza fl-ismijiet St. Georges Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et citazzjoni numru 1908/00GV.

"L-esponenti kienet tippattrocinja lill-intimati izda irrinunzjat ghall-patrocinju tal-istess intimati waqt is-smiegh tal-kawza, wara li inghalqu l-proceduri bil-miktub izda qabel mal-kawza giet mhollija ghas-sentenza.

"Permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, u notifikata fit-22 ta' Dicembru, 2003, l-esponenti interpellat lill-intimati thallas is-somma ta' disat elef hames mija wiehed u erbghin lira Maltin hamsa u hamsin centezmu (Lm9541.55) ghall-prestazzjonijiet professjonali fl-istess kawza hawn fuq imsemmija, skond taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti u VAT.

"Permezz tar-rikors fl-ismijiet hawn fuq premessi, l-intimati qeghdin jattakkaw it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti ghar-rigward tad-drittijiet professjonali tal-esponenti.

"Ir-rikors tal-intimati huwa bbazat fuq zewg punti principali:

"(1) Il-fatt li la darba l-kawza ghadha pendenti quddiem il-Qorti, taxxa finali ta' drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma l-kawza tigi deciza;

"(2) Il-metodu ta' intaxxar uzat mir-Registratur huwa erronju u irregolari; u ma saret l-ebda referenza ghall-Kodici tal-Etika u Mgieba tal-Avukati.

"(1) TISTA TAXXA TIGI IKKALKULATA QABEL TIGI DECIZA L-KAWZA?

"L-esponenti jisottometti li l-argument tal-intimati li la darba l-kawza in kwistjoni ghadha pendenti quddiem il-Qorti, taxxa finali ta' drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma l-kawza tigi deciza, huwa nfondat u bla bazi. Avukat li jirrinunzja ghall-patrocinju tal-klijent tieghu ghandu dritt jithallas meta jittermina l-inkarigu tieghu tant li avukat iehor ma ghandux jaccetta inkarigu meta dan ikun gie moghti lill-avukat iehor, jekk ma jkunx cert li l-avukat

precedenti gie mhallas skond il-ligi u dan wkoll a bazi tal-Kodici ta' Etika u Mgiba ghall-avukati. Din hi wkoll prassi etikament korretta u ben stabilita fil-prestazjonijiet professjonali tal-Avukati fil-kamp extra-gudizzjali. Inoltre il-hlas hu dovut appena s-servizz jinghata u jew l-inkarigu jispicca jew jigi terminat. Dan hu wkoll applikat f'kazijiet ohra simili, per ezempju l-appalt. Taghmel wkoll sens li taxxa tirrifletti l-hlas dovut sal-perjodu tal-prestazjonijiet; altrimenti, jekk per ezempju tinhareg meta tispicca il-kawza tigi li tirrifletti hlas dovut ghall-servizi mhux moghotija (i.e. ghall-perjodu wara li l-inkarigu jispicca). Ghaldaqstant ir-Registratur tal-Qorti kellu kull dritt – anzi kellu l-obbligu – jirrilaxxa it-taxxa in kwistjoni lill-esponenti.

"Jigi rilevat illi l-intimati stess kienu accettaw u qablu li jhallsu d-drittijiet professjonali tal-esponenti hekk kif jinhargilhom il-kont.

"VALUR TAL-PENALI

"L-intimati qed jallegaw illi l-esponenti prezentat nota fejn iddikjarat il-valur tal-penali "ad insaputa" tar-rikorrenti u minghajr il-permess taghha. Illi l-esponenti tirrispingi tali allegazjoni stante illi dan mhux minnu kif jirrizulta u jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kaz.

"(2) METODU TA' INTAXXAR

"Kif qalu ben tajjeb l-intimati fir-rikors taghhom d-drittijiet tal-avukati u l-prokuraturi legali huma determinati minn Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sakemm il-klijenti u l-avukat ma kienux ftehmu li jithallas b'rati ohra permissibli mill-ligi.

"L-esponenti jissottometti illi t-taxxa in kwistjoni hija koretta. It-tassazzjoni fil-kaz odjern ghandha tigi mibnija fuq paragrafu 14 u 13 ta' Tariffa E tal-Iskeda A. Fil-fatt it-taxxa in kwistjoni giet mahduma, ghall-finijiet ta' rinunzja tal-patrocinju skond il-ligi kif trid it-tariffa kif spiegat ahjar hawn taht. "Dritt normali" kif imsemmi f'para 33 ta' Tariffa E Skeda A tal-Kap 12, jfisser dritt mahdum skond il-ligi u mhux dritt intaxxat fl-ahhar tal-gudizzju kif qed jsostnu l-

intimati. In oltre ir-Registratur agixxa fuq valur ta' penali skond nota prezentata mill-esponenti fuq l-awtorizazzjoni tal-intimati stess.

"Paragrafu 14 ta' Tariffa E jipprovdi illi: "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit".

"Paragrafu 13 hawn fuq imsemmi imbaghad jipprovdi illi: Ghal kull sentenza definittiva:

"(iv) dwar l-ewwel Lm500 jew parti minnha…20.00,0 bhala l-inqas jew 10% skond liema jkun l-oghla;

"(v) dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel Lm500 sa Lm10,000 ghal kull Lm100…Lm3

"(vi) dwar kull valur 'il fuq minn Lm10,000 ghal kull Lm100…Lm1.

"Kif qalu ben tajjeb l-intimati dritt ta' avukat u prokuratur legali li jabbanduna l-klijent wara li jinghalqu l-proceduri bil-miktub izda qabel mal-kawza tigi mhollija ghas-sentenza huwa zewg terzi tad-dritt normali, skond para 33 fuq imsemmi.

"VALUR DETERMINAT

"Il-kawza numru 1908/00GV, fuq imsemmija li fuqha nharget it-taxxa tirrigwarda terminazzjoni ta' kirja qabel iz-zmien stante ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt lokattizju relativ mill-konvenuti fl-istess kawza. Konsegwentement l-atturi fl-istess kawza talbu ir-rizoluzzjoni tal-kirja, l-izgumbrament tal-konvenuti f'zmien qasir u perentorju u l-likwidazzjoni u hlas ta' penali skond l-istess kuntratt lokattizju.

"L-esponenti jisottometti li l-intimati mhumiex korretti meta jghidu illi il-valur tal-kawza in kwistjoni huwa ndeterminat.

Artikolu 748 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi “Il-valur ta’ l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba-

“(c) meta t-talba hija ghall-haga li l-valur taghha hu determinat fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni jew f’xi kitba ohra li torbot lill-partijiet…” Mela il-valur ta’ din il-kawza huwa determinat fil-kuntratt ta’ kera li ta’ kawza ghall-azzjoni tal-intimati.

“Fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Axiak vs Avukat Dr. Giuseppe Vella 9/2/1951, L-Onorabbli Prim’Awla qalet:

“Meta l-massa litiguza jkun jidher x’kien il-valur in kontestazjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x’ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem…”

“Fil-kawza fl-ismijiet Leslie Grech noe vs Frank Abela et il-Qorti kienet tal-istess fehma bhal fil-kaz hawn fuq u fil-kaz ta’ Avv. Dr. Giuseppe Pace et vs Dr. Giuseppe Vella – 1/10/1948 regghet qalet:

“Huwa pacifikament ammess mill-Qrati taghna li t-tassazzjoni tal-kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni; Pero` mhux fis-sens tas-semplici incartament, izda fis-sens ta’ l-oggett taghha. U f’dan is-sens il-kumpless ta’ dak li huwa in disputa…”

“KIF JIGI DETERMINAT IL-VALUR.

“Artikolu 750 tal-istess Kap 12 jghid hekk: “Il-valur tal-jedd temporanju ghac-cnus, renti, jew hlasijiet ohra ta’ kull sena, jigi determinat mill-ammont totali tar-renta netta ghaz-zmien li jkun fadal, billi r-renta ta’ kull sena tigi ikkalkulata meta ma tistax tigi determinata xorta’ohra, fuq tas-sena ta’ qabel”.

“Artikolu 755 tal-Kap 12 fuq imsemmi jipprovdi illi “Fil-kawzi dwar l-ezistenza jew il-validita’ ta’ kuntratt ta’ kiri, inkella dwar it-tmiem taghhom qabel iz-zmien miftiehem, il-valur jigi stabbilit –

"(c) fl-ewwel kaz, billi jinghad il-kera taz-zmien kollu li ghalih, bhal ma tippretendi l-parti, il-kuntratt ghandu jibqa' jsehh; u

"(d) fit-tieni kaz, billi jinghad il-kera ghaz-zmien kollu li jkun fadal biex jispicca l-kuntratt".

"Artikolu 756 (1) tal-istess Kodici jghid illi: "Ir-regola migjuba fil-paragrafu (b) ta' l-ahhar artikolu qabel dan tghodd ghall-kawzi ta' zgumbrament ta' kerrej minhabba li jkun lura fil-hlas tal-kera, jew ghal-raguni legittima ohra".

"F'dan il-kaz, il-valur huwa determinat mill-kuntratt ta' kera bejn il-partijiet fil-kawza fuq imsemmija kif wkoll minn nota sottomessa mill-esponenti dwar il-valur tal-penali. Kif qalu tajjeb l-intimati fir-rikors taghhom, il-lokazzjoni li taghha intalbet ir-rizoluzzjoni hi wahda ta' sitta u disghin (96) sena li bdiet f'Ottubru, 1988 bil-kera ta' hamsa u tlettin lira Maltin (Lm35) kuljum u li toghla skond il-paga nazzjonali.

"Il-valur ta' din il-kawza mela huwa determinat mill-process skond ir-regoli imsemmija hawn fuq, cioe' z-zmien rimanenti tal-kirja mal-kera li ghandha tithallas matul il-perjodu li fadal u imbaghad applikat Artikolu 13 ta' Tariffa E fuq imsemmija.

"Ghalhekk l-esponeneti jirrispingi it-tezi tal-intimati li l-valur tat-talba / kawza huwa ndeterminat u kuntrarjament ghal dak li qed jallegaw l-intimati fir-rikors taghhom, tissottometti illi r-regoli misjuba f'Artikolu 4 tal-Iskeda A mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern.

"Ghaldaqstant l-esponenti jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghogobha tikkonferma l-korettezza tal-principji fuq imsemmija, il-korrettezza tat-taxxa in kwistjoni kif mahduma u mahruga jew kif emendata b'dawn il-proceduri u ghalhekk tichad it-talba tal-intimati.

"Rat li l-intimat Registratur naqas li jipprezenta risposta;

“Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-15 ta’ Marzu, 2004, li in forza tieghu giet michuda talba tas-socjeta` attrici li tressaq lil Dr. Victor Borg Grech bhala espert ex parte;

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Rat l-atti tal-kawza b’citazzjoni numru 1908/00 deciza minn din il-Qorti fis-26 ta’ Frar, 2003, izda li hi pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell:

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

“Rat id-digrieti ta’ din il-Qorti;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“Jirrizulta li s-socjeta` attrici fethet kawza kontra s-socjeta` Clouds Catering Limited (citaz. 1908/00GV) f’liema kawza is-socjeta` attrici talbet dikjarazzjoni li s-socjeta` konvenuta kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt lokatizju vigenti bejn dawk il-partijiet, u konsegwentement talbet ir-rizoluzzjoni tal-kirja u l-izgumbrament tas-socjeta` konvenuta mill-fond lokat, kif ukoll il-likwidazzjoni u l-hlas tal-penali skond il-kuntratt. Il-penali iffissata kienet ta’ Lm200 kuljum, u t-talba saret ghal-hlas tal-penali mid-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt da parti tas-socjeta` attrici sad-data meta s-socjeta` Clouds Catering Limited tivvaka l-istess fond.

“Is-socjeta` attrici f’dawk il-proceduri kienet rapprezentata mill-Avukati Dr. Hugh Peralta u Dr. Noella Grima, li, Pero`, waqt is-smigh tal-kawza irrinunzjaw ghal-patrocinju taghha. Dawn talbu taxxa tad-drittijiet taghhom, li ghandu jigi regolat skond l-Iskeda A, Tariffa A u E tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ir-Registratur tal-Qorti hareg taxxa

ufficcjali ghall-ammont ta' Lm11,062.66, liema taxxa qed tigi attakkata f'dawn il-proceduri mis-socjeta` attrici.

“Huwa ammess li d-dritt ta' avukat u prokuratur legali li jabbanduna l-klijent wara li jinghalqu l-proceduri bil-miktub imma qabel mal-kawza tigi mhollija ghas-sentenza ghandu jkun zewg-terzi (2/3) tat-tariffa stabbilita' kif inhu l-kaz.

“Is-socjeta` attrici qed tattakka t-tariffa fuq zewg punti:

“(i) illi gialadarba l-kawza ghadha pendenti quddiem il-Qrati taxxa finali ta' drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma l-kawza tigi deciza; u

“(ii) illi l-metodu ta' intaxxar uzat mir-Registratur kien erronju u irregolari.

“Dwar l-ewwel punt, is-socjeta` attrici taghmel referenza ghall-paragrafu 33 tat-Tariffa E li tghid li d-dritt tal-Avukat li jitlaq lill-klijent jew jigi abbandunat mill-klijent huwa, fic-cirkustanzi ta' dan il-kaz, intitolat ghal-zewg terzi “tad-dritt normali”; hi tissottometti li d-“dritt normali” jista' jigi stabbilit biss wara li kawza tigi definitivament deciza mill-Qrati, u allura ma jista' jinhareg ebda dritt ghal-Avukat qabel ma' l-kawza issir definitivament res gudicata.

“Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Avukat li ma jibqax jippatrocinja klijent f'kawza ghandu dritt ghal-hlas tieghu immedjatament, u mhux obbligat joqghod jistenna li l-kawza tigi determinata, specjalment meta tqies li darba li Avukat johrog minn kawza ma jkollux aktar kontroll fuq l-andament tal-kawza. Biex jista' jigi stabbilit x'inhu d-“dritt normali” mhux mehtieg li wiehed joqghod jistenna l-ezitu finali ta' kawza biex dan jigi determinat, u dan jista jigi kkalkulat fi kwalunkwe stadju tal-kawza, specjalment wara li l-provi f'kawza jkunu maghluqa. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Manche' vs Gauci Maistre”, deciza fl-20 ta' Marzu, 1989, il-valur in kontestazzjoni ghandu johrog mill-massa litugjuza; b'hekk ghandu jigi studjat u ezaminat x'inhu l-oggett tat-talba u t-tassazzjoni issir “ad valorem” u mhux bhala semplici

artikolu jew dikjarazzjoni.  Fil-fatt, l-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat li ma hemm xejn hazin u irregolari li taxxa tigi bazata fuq il-quantum tad-danni pretizi mill-attur f'mandat ta' sekwestru.  Hekk ukoll din il-Qorti fil-kawza "Tonna vs Staines et", deciza fit-23 ta' Frar, 1935, osservat li t-talba mhijiex dika biss li tinkiteb fic-citazzjoni: s-somma ta' flus li ntalbet tista' tidher miktuba f'kull kitba mressqa quddiem il-Qorti waqt is-smigh tal-kawza. Kwindi, r-Registratur, qabel ma johrog taxxa, m'ghandux ghalfejn jistenna s-sentenza biex johrog id-"dritt normali", ghax dan jiddependi mill-massa litigjuza, u darba dan ikun jirrizulta, jista' jipprocedi li johrog id-"dritt normali" tal-kawza, u wara jikkalkula dak dovut lill-Avukat li jkun telaq lill-klijent fil-kors tal-kawza skond il-paragrafu 33 indikat.

"F'dan il-kaz, meta r-registratur gie mitlub johrog taxxa fil-kawza b'citazzjoni numru 1908/00, huwa kellu bizzejjed informazzjoni mill-massa litigjuza fuqhiex jibbaza l-kalkoli tieghu, u ma kellux ghalfejn jistenna l-ezitu finali.  Id-"dritt normali" huwa bazat fuq dak li jirrizulta mill-process, u jekk ghandu fuqhiex jista' jibbaza t-taxxa (anke xhieda tal-attur li jiddikjara li jippretendi danni aktar minn dawk indikati – "Sammut vs Reg. Qorti Superjuri", deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' April, 1983), hu ghandu jipprocedi li johrog taxxa meta jigi mitlub li jaghmel dan ghal-skop legittimi, bhal ma hu l-kaz ta' Avukat li jitlaq lill-klijent jew jigi abbandunat minnu.  "Dritt normali" jfisser dritt mahdum skond il-ligi u mhux dritt intaxxat fl-ahhar tal-gudizzju.  Kwindi, l-Qorti ma taqbilx li r-registratur ma jistax johrog taxxa ghal-Avukat li jitlaq klijent qabel ma tinghata sentenza fil-kawza; hu jista' jaghmel dan meta, wara ezami tal-process u tal-kontestazzjoni, jara li ghandu indikazzjoni cara tal-valur li jkun in issue li fuqha huwa jista' jibbazza l-kalkoli tieghu.

"Fit-tieni punt taghha, is-socjeta` attrici tilmenta li l-metodu ta' intaxxar uzat ma kienx wiehed regolari u skond il-ligi. Jidher li hemm disgwid bejn il-partijiet dwar jekk il-valur fil-kawza kienx wiehed determinat jew le, u anke dwar kif, fl-ewwel kaz, kellu jigi determinat.

“Dwar l-ewwel kwistjoni, hu veru li l-valur ma hux determinat fic-citazzjoni, Pero`, l-paragrafu 14 tat-Tariffa E iqies valur indeterminat, meta l-valur ma jkunx determinat fit-talba jew “determinabbli skond il-ligi jew mill-process”. Kwindi, meta l-valur huwa determinabbli mill-process, ma jistax jinghad li l-valur in kontestazzjoni huwa wiehed indeterminat. Kif intqal fil-kawza “Micallef vs Micallef”, deciza minn din il-Qorti fl-24 ta’ Lulju, 1946, “f’materja ta’ tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjali, l-principju enuncjat in linja ta’ massima, illi t-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjali tigi regolata mid-domanda, jew mis-sentenza meta fid-domanda s-somma ma hiex determinata, ma hux inflessibili, imma ghandu jigi ragjonevolment kwalifikat, kif gie mill-gurisprudenza kwalifikat, bil-principju l-iehor illi meta minn dak li jissejjah ‘il complesso del tema contenzioso’, ossija ‘massa litigiosa’, ikun jidher x’inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-tassazzjoni ssir fuq dak il-valur, avvolja d-domanda tkun ghal somma li ghandha tigi likwidata” (ara wkoll fl-istess sens il-kawza “Axiak vs Vella”, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta’ Frar, 1951).

“Issa fil-kawza b’citazzjoni numru 1908/00, kien hemm seba’ talbiet. L-ewwel talba kienet wahda ghal-dikjarazzjoni li kien hemm ksur tal-kuntratt mas-socjeta` konvenuta, liema talba giet intaxxata regolarment bhala dikjarazzjoni u mhux ad valorem.

“It-tieni talba kienet tikkoncerna ordni ta’ rizoluzzjoni tal-kuntratt ta’ bini. L-Artikolu 750 tal-Kap 12 jghid li:

“Il-valur tal-jedd temporanju ghac-cens, renti, jew hlasijiet ohra ta’ kull sena, jigi determinat mill-ammont totali tar-renta netta ghaz-zmien li jkun fadal, billi r-renta ta’ kull sena tigi kkalkulata meta ma tistax tigi determinata xort’ohra, fuq tas-sena ta’ qabel”.

“L-Artikolu 756(1) tal-istess Kap. 12, jghid, imbaghad, li f’kaz ta’ kawzi ghal-zgumbrament ta’ kerrej minhabba li jkun lura fil-hlas tal-kera, “jew ghal-raguni legittima ohra” (kif inhu dan il-kaz: zgumbrament minhabba ksur tal-kuntratt lokatizju), il-valur jinhadem billi jinghad il-kera

ghaz-zmien kollu li jkun fadal biex jispicca l-kuntratt (skond l-Artikolu 755(b) tal-istess Kap. 12).

“Issa f’dan il-kaz, jirrizulta li l-kuntratt ta’ kiri kien gie ppubblikat fil-15 ta’ Ottubru, 1988, u l-kuntratt kien ghal-96 sena b’kera ta’ Lm35 kuljum, liema kera kellha tizdied kull tant zmien skond iz-zieda fil-minimum wage. Dan il-kuntratt gie terminat fl-2000 meta kien ghad fadal madwar 84 sena ghal-gheluq tieghu.

“Bil-kera ta’ Lm35 kuljum, il-kera annwali tkun ta’ Lm12,775. Id-deputat registratur, Pero`, ma hadimx fuq il-kera “ghaz-zmien kollu li jkun fadal”, izda fuq hames snin u dan skond istruzzjonijiet li ircieva fis-sens li fil-prattika, f’kazijiet bhal dawn, tinhareg taxxa fuq dak li jkun fadal sa sbatax-il sena. B’hekk, ghal din it-tieni talba, huwa hadem fuq valur ta’ Lm63,875, u hareg it-taxxa relattiva.

“Din il-parti tat-taxxa ma gietx accettata mill-Avukati intimati, u r-registratur, ghalhekk, talab il-parir ta’ Dr. Victor Zammit, li huwa Director Legal Services fil-Qorti. Fuq parir ta’ Dr. Zammit, ir-registratur tal-Qorti ta’ istruzzjoni biex tinhareg taxxa gdida bil-valur tal-kirja jkun meqjus u mahdum skond l-Artikolu 750 tal-Kap. 12, jigifieri li t-taxxa tinhadem fuq iz-zmien kollu rimanenti, bir-rizultat li t-taxxa giet riveduta u d-dritt tal-Avukat zdied b’kollox minn Lm2320 ghal Lm8297. Il-Qorti taqbel ma din l-interpretazzjoni ghax, fil-fatt, tirrifletti dak li tghid il-ligi.

“Il-Qorti m’ghandhiex tikkunsidra jekk hemmx jew le xi anomalia fil-ligi, specjalment meta dan jitqabbel mal-mod ta’ kif tinhadem taxxa meta l-kawza tkun tittratta kuntratti ta’ enfitewsi. Jista’ jkun li meta l-Legislatur irregola kif tinhadem taxxa f’kaz ta’ rizoluzzjoni ta’ kuntratt ta’ kera, ma kienx qed jahseb li l-kirjiet, specjalment dawk kummercjali, kienu se jkun ta’ ammont gholi, Pero`, il-ligi hi cara, u meta jkun hekk, m’hemmx lok ghal interpretazzjoni ohra ghajr dik li tigi segwita dik literali. Kif gie kwotat fil-kawza “Waldorf Car Hire Ltd vs Habitat Ltd”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuru) fl-24 ta’ Marzu, 2004,

“La interpretazione delle leggi fiscali, anche nel dubbio, dev’essere quella letterale e non necessariamente quella piu’ benigna al contribuente, ne’ possono sempre le leggi tributarie interpretarsi colle regole di diritto comune” (Kollez Vol XXVIII pl p523).”

“Irid jinghad ukoll illi “ghad li hu veru in generali li l-applikazzjoni tal-ligi specjali dwar it-taxxa ma tistax tigi insulata mil-ligi civili ordinarja, huwa ugwalment veru li meta d-disposizzjoni tal-ligi specjali hi cara, jew insomma l-Qorti tkun tal-fehma li dik id-disposizzjoni ghandha jkollha certa interpretazzjoni, l-Qorti ma tistax tiddeklina milli tapplikaha ghalkemm jista’ jkun jidher li hemm jew li jista’ jkun hemm konflitt ma’ l-ordinament taht il-ligi generali” – “A.B. – vs – Joseph Mifsud Bonnici bhala Kummissarju tat-Taxxi Nterni” (Kaz numru 63), Appell, 20 ta’ Awissu, 1967.

“It-tielet talba kienet tikkonsisti f’ordni ta’ zgumbrament konsegwenzali, u r-registratur qiesha bhala dikjarazzjoni normali u hareg taxxa a bazi ta’ dikjarazzjoni.

“Ir-raba’, hames u sitt talbiet kienu jikkoncernaw talbiet ghal-kundanna, likwidazzjoni u hlas tal-penali. It-talbiet relattivi ghal-kundanna u l-hlas tal-penali nhadmu a bazi ta’ dikjarazzjoni, fil-waqt li t-talba ghal-likwiddazzjoni tal-penali nhadmet fuq Lm113,000. Skond il-kuntratt ta’ kera u kif hu indikat fic-citazzjoni, il-penali kontemplata hi ta’ Lm200 kuljum f’kaz li s-socjeta` konvenuta tonqos mill-obbligu taghha li tirrestitwixxi ic-cwievet tal-fond immedjatament mat-terminazzjoni tal-kirja (Artikolu 11 tal-kuntratt). Is-socjeta` attrici, fic-citazzjoni, talbet il-hlas tal-penali kkalkulat mid-data tat-terminazzjoni sad-data tar-rilaxx effettiv.
“Jinghad li ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici kien stqarr mal-Avukat li dawk il-penali mhux probabbli li jingabru, ma oggezzjonax li t-talba relattiva xorta wahda issir, ma ta’ ebda istruzzjoni biex dik it-talba tigi eskluza mic-citazzjoni.

“Biex haddem il-valur tal-penali, ir-registratur talab dikjarazzjoni minghand l-Avukati, u dawn resqu nota ghal-

penali ta’ valur ta’ Lm113,800, li huma kkalkulaw mid-data tal-presentata tac-citazzjoni (19 ta’ Settembru, 2000) sad-data li huma waqfu li jippatrocinaw lis-socjeta` attrici (10 ta’ April, 2002). Fil-fatt, dan il-kalkolu huwa anqas minn dak mitlub mis-socjeta` attrici fic-citazzjoni, ghax, fil-fatt, it-terminazzjoni tal-kirja sehhet qabel il-presentata tac-citazzjoni u z-zmien tar-rilaxx effettiv ghadu ma sehhx. Il-valur indikat mill-intimati ghandu, ghalhekk, zgur jitqies bhala “nominal ammount”, li r-rappresentant tas-socjeta` rikorrenti jallega li indika lil-Avukat Peralta, specjalment meta tqies li potenzjalment is-somma tal-penali mitluba tista’ twassal ghal-hafna aktar minn hekk. L-Avukati in kwistjoni, Pero`, qiesu li z-zmien kien sufficjenti ghal-kalkolu tal-hlas mitlub. Il-kalkolu li ghamlu l-Avukati intimati huwa wiehed skond il-ligi, peress li, kif intwera, anke meta t-talba tkun ghal-somma da liquidarsi, meta mill-massa litigjusa jirrizulta x’inhi s-somma li l-attur qed jippretendi, it-tassazzjoni ghandha tinhareg a bazi ta’ dik is-somma.

“Hu irrilevanti, ghal-fini ta’ tassazzjoni, jekk il-Qorti finalment tilqax jew le talba simili, ghax it-taxxa trid xorta wahda tohrog fuq il-valur in kontestazzjoni. Il-valur ta’ kawza jitqies fuq it-talbiet (determinati jew determinabbli skond il-ligi), u mhux fuq l-interess effettiv tal-atturi (“Ellul Bonnici vs Buhagiar”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta’ Ottubru, 1960). Fil-kawza “Micallef vs Micallef”, gia kwotata, ghalkemm is-somma mitluba qatt ma giet likwidata, mill-atti tal-kawza kien jirrizulta x’kien qed jitlob l-attur fil-konfront tal-konvenuta, u l-valur tal-pretensjoni tieghu kienet giet allura determinata minn dak li jirrizulta mill-process. It-taxxa li hareg ir-registratur fuq dak il-valur li ssemma kienet wahda mahruga skond il-principji ormaj akkolti fil-gurisprudenza. F’dan il-kaz ukoll, ghalkemm ir-registratur mexa fuq nota li pprezentawlu l-Avukati, din in-nota hija bazata fuq dak li johrog mill-process kollu, u kwindi kienet tirrifletti dak li kien qed jigi mitlub fil-kawza. Fil-fatt, il-pretensjoni tas-socjeta` attrici kienet ghal-aktar mis-somma indikata fin-nota, u kwindi zgur li ma jistax jinghad li t-taxxa inhadmet kontra l-interessi tas-socjeta` rikorrenti.

"L-ahhar talba fic-citazzjoni, li kienet talba ghal-kundanna tal-konvenut personalment in solidum mas-socjeta` konvenuta, giet intaxxata fuq dikjarazzjoni.

"Kwindi, it-taxxa mahruga mir-registratur fit-18 ta' Lulju, 2003, u notifikata lis-socjeta` rikorrenti b'Ittra Ufficcjali tal-15 ta' Dicembru, 2003, ghandha titqies li inhadmet validament u skond il-ligi.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra taghha."

**<u>L-APPELL TAS-SOCJETA` ST.GEORGE'S PARK COMPANY LIMITED</u>**

2. Is-socjeta` rikorrenti St. George's Park Company Limited hassitha aggravata bl-imsemmija decizjoni u ghalhekk interponiet appell fuq l-aggravji segwenti:-
"(i) illi l-ewwel Qorti ma kkunsidratx il-fatt li qatt ma messha nhadmet taxxa fuq il-valur tal-penali fuq nota pprezentata minghajr awtorizzazzjoni u bla qbil bejn il-partijiet fil-kawza;

"(ii) illi, f'kull kaz, il-valur muri kien skorrett, ghaliex se mai l-penali kellhom jithallsu mid-data tas-sentenza li tordna l-izgumbrament u ma setax jigi ddikjarat valur ghaz-zmien bejn id-19 ta' Settembru 2000 u l-10 ta' April, 2002;

"(iii) illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-interpretazzjoni ta' l-artikoli 750 u 755 tal-Kap. 12 m'humiex "cari" anzi jaghtu lok ghal rizultati u interpretazzjonijiet divergenti. Interpretazzjoni litterali tista' twassal ghal konkluzjonijiet assurdi jew ingusti;

"(iv) illi l-appellati, flok imxew mal-ligi, avvicinaw direttament lid-deputat registratur u insistew mieghu li jbiddel it-taxxa originali, kif fil-fatt gara."

Ghalhekk l-appellata talbet ir-revoka tad-decizjoni appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI DR. HUGH PERALTA U DR. NOELLA GRIMA**

3. Iz-zewg appellati Dr. Hugh Peralta u Dr. Noella Grima wiegbu li d-decizjoni appellata timmerita konferma fl-intier taghha u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

3.1. Dwar l-ewwel aggravju, l-appellati jsostnu li, bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mill-appellanti, kienu d-dirigenti stess tas-socjeta` rikorrenti li accettaw u qablu li jhallsu d-drittijiet professjonali ta' l-appellati hekk kif jinhargilhom il-kont u sa kien hemm ftehim espress dwar dan, li gie esebit fl-atti. Min-naha tieghu, ir-Registratur tal-Qorti kellu kull dritt – anzi l-obbligu – li jirrilaxxja t-taxxa kif mitluba. Minbarra dan, in-nota dwar il-valur tal-penali li huma pprezentaw ghal fini ta' hrug ta' taxxa, kienet ibbazata fuq dak li johrog mill-process u ghalhekk tirrifletti dak li ntalab fil-kawza. Kif qalet l-ewwel Qorti, it-taxxa kellha f'kull kaz tinhadem fuq il-valur in kontestazzjoni. Ma kienx hemm anqas htiega li tinhareg nota miz-zewg partijiet fil-kawza meta din tkun tirrifletti dak li jirrizulta mill-atti tal-process. Lanqas ma huwa korrett li jinghad li kien hemm talba fis-sens li l-penali kellhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza.

3.2. Bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mill-appellanti, l-Artikolu 755 tal-Kap. 12 hu car bizzejjed u ma hemmx il-lok ta' xi interpretazzjoni ulterjuri. Il-kaz odjern kien jinkwadra ruhu taht l-Artikolu 755 u 756(1) tal-Kap. 12. Hija skorretta ghalhekk it-tezi ta' l-appellanti li l-valur tat-talba fil-kawza "St George's Co. Ltd. v. Clouds Catering Ltd. et" (Citazjoni Numru 1908/00) kien wiehed indeterminat. L-unika interpretazzjoni gusta u valida kienet dik litterali.

3.3. L-appellati lanqas jaqblu ma' l-appellanti dwar kif graw il-fatti biex inharget it-taxxa impunjata. Meta huma kkontestaw l-ewwel taxxa li nharget, din ma kenitx taxxa formali u kienet wahda skorretta b'mod grossolan. Fil-laqgha li huma kellhom ma' ufficjali tar-Registratur tal-

Qorti "gie stabbilit li t-taxxa kellha ssir skond Artikolu 750 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma kien jirreferi ghall-ebda limitu". Il-kompitu tal-Qorti jirrigwarda mhux tant l-iter ta' kif inharget it-taxxa, izda li t-taxxa nharget korrettament.

## IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAR-REGISTRATUR TAL-QRATI

4.1. Skond l-appellat Registratur tal-Qrati, is-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

4.2. Dwar l-ewwel aggravju huwa jissottometti li l-kwistjoni o meno ta' nuqqas ta' awtorizzazzjoni ta' l-appellanti tan-nota dwar il-valur tal-penali tirrigwarda "ir-relazzjoni bejn l-appellanti u l-appellati l-ohra eskluz l-esponent", ghal-liema l-appellanti lanqas kienu oggezzjonaw. F'kull kaz, in-nota kienet tirrifletti dak li ntalab fil-kawza.

4.3. Apparti li l-kalkolu dwar id-danni kien skond il-ligi, dana fil-fatt kien ferm anqas minn dak mitlub fil-kawza mill-appellanti.

4.4. Barra minn dan, dwar it-tielet aggravju, darba li l-ligi hija cara, ma hemm ebda lok ghal interpretazzjoni ohra ghajr li tigi segwita dik litterali u dan il-kaz kien proprju ta' din ix-xorta. L-appellat Registratur hadem it-taxxa korrettement a bazi ta' para. 13 u 14 tat-Tariffa E ta' l-Iskeda A, tal-Kap. 12, u applika wkoll para. 33 ghall-finijiet tar-rinunzja tal-patrocinju. Kif qalet tajjeb l-ewwel Qorti, inoltre, f'dan il-kaz il-valur kien wiehed determinabbli u kwindi fuq dan l-ammont setghet tinhadem it-taxxa validament.

4.5. Ma giet "negozjata" ebda taxxa kif gie insinwat. Kwindi, l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 mhux applikabbli ghal dan il-kaz. L-ewwel ma nharget kienet biss "taxxa informali" u l-Artikolu 64 surreferit jirrigwarda biss kazi fejn tinhareg taxxa formali.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tibda billi tosserva li fis-seduta tal-lum, din il-Qorti qeghda tiddeciedi kawza ohra bejn l-istess partijiet b'aspetti in parte simili ghal dawk in ezami f'dan l-appell (Citazzjoni Numru 20/2004), ghal-liema qeghda ssir pjena riferenza. Ghalhekk kopja ta' dik is-sentenza qeghdha tigi mehmuza ma' dan il-gudikat u mmarkata bhala Appendici I. F'dik id-decizjoni, din il-Qorti ddecidiet inter alia li ghalkemm huwa minnu li jekk wiehed kellu jimxi biss fuq l-Artikoli 750, 755 u 756(1) tal-Kap. 12, u jiskarta ghal kollox x'jghidu, fost ohrajn, l-Artikoli 748 u 749 tal-Kap. 12, allura l-appellati kien ikollhom ragun f'dak li qeghdin jissottomettu fir-rigward ta' l-interpretazzjoni korretta u l-applikabbilita` ta' l-Artikolu 750 in partikolari, izda din il-Qorti hija invece tal-fehma li dan ir-ragjonament huwa zbaljat. Dan ghaliex interpretazzjoni tajba ta' dispozizzjoni tal-ligi m'ghandhiex toqghod biss fuq dik id-disposizzjoni mahruga mill-kuntest taghha, izda ghandha tqisha wkoll fid-dawl tal-htiega illi ma jinholqux antinomiji fl-ordinament guridiku, ghaliex incivile est nisi tota lege perspecta iudicare vel respondere (Dig. 1.3.24; Celsus 9 dig). Fi kliem iehor, l-interpretazzjoni ma "hijiex teknika mekkanika".

6. L-appellati riedu jaghtu x'jifhmu li fil-mod dwar kif giet prezentata n-nota min-naha tal-patrocinanti legali ta' allura (l-odjerni appellati) dwar il-valur tal-kawza, f'idejn l-appellat l-iehor, ir-Registratur tal-Qrati, ma kien hemm xejn anormali, anzi li kollox sar b'mod regolari. Il-fatti pero` mhux hekk juru, almenu kif jemergi mill-provi akkwiziti. Minn ezami akkurat tal-ftit provi prodotti, ghandu invece jirrizulta li ghalkemm huwa minnu li r-rapprezentant tas-socjeta` appellanti (i.e. Anthony Borg) kien qabel li ghandu jigi sottomess valur ghal fini ta' ammont ta' penali u li huwa accetta wkoll li tali penali, skond il-ftehim lokatizzju, kienu fl-ammont ta' Lm200 per diem pero` fl-istess waqt, l-imsemmi Anthony Borg (ara xiehda tieghu a fol. 61-64 tal-process) ghamilha daqstant iehor cara li fl-abbokkamenti li huwa kellu ma' l-avukat tieghu ta' dak iz-zmien (Dr. Hugh Peralta, ko-appellat), huwa mill-ewwel kien esprima mieghu d-dubju dwar kemm fir-realta` tali danni ossija penali setghu qatt

jingabru. Ix-xhud jghid li ghamel notament in iskritt dwar din ir-rizerva u li sahansitra kkomunikaha dakinhar stess li kitibha lill-avukat imsemmi. Kien hawn allura li Borg jghid li sar “qbil” li jinghata valur nominali qua penali ghal fini ta’ taxxa. Proprjament, l-istess xhud jghid li l-Avukat tieghu wiegbu fis-sens “issa nara x’ghandi naghmel”. Kliem f’dan is-sens bilfors kien hemm ghaliex, effettivament, l-ittra Dok AB1 bil-firma ta’ l-Avukat Peralta hekk kjarament tindika. Minn dan kollu kwindi jemergi li ma huwiex preciz li jinghad li kien hemm “qbil” bejn il-partijiet dwar il-valur proprju tal-penali li talvolta kellu jigi indikat biex fuqu tinhadem it-taxxa, imma l-‘qbil’ kien biss dwar il-htiega li xi ammont nominali kellu jinghata.

7.1. Min-naha l-ohra, imbaghad, hemm ir-risposta ta’ l-appell da parti tar-Registratur tal-Qrati li fiha ried jaghti x’jifhem li kollox kien car daqs il-kristall u li kulma ghamel hu kien skond l-iskeda ufficjali. Imma hawnhekk ukoll il-provi mhux hekk jiddimostraw. Hekk, per ezempju, Frank Mercieca, deputat registratur, jixhed inter alia hekk dwar it-taxxa li nharget (ara fol. 70 et seq. tal-process):
“Jiena kont hdimt it-taxxa tal-kawza... Fuq din it-taxxa hemm notament ‘to hold 07.04.2003 Mr. A. J. Portelli’ li qed jirreferi ghas-sur Albert Portelli. Ghandi nghid illi dan in-notament sar peress illi fuq din it-taxxa u l-kawza kien hemm kwistjoni u fil-fatt naf illi din hija l-unika taxxa li jien ghandi u li hrigt jien pero` meta kellimt lis-Sur Portelli jidher li harget taxxa ohra b’ammonti li ma jaqblux ma tieghi... Dik li qed nesebixxi llum jiena kelli ‘instructions’ biex nahdimha b’dak il-mod u dan mill-istess Portelli ...” (Enfasi mizjud tal-Qorti).

Is-suespost hu sufficjenti biex jintwera kemm il-posizzjoni ma kenitx daqshekk netta u cara kif issa qieghed jippretendi r-Registratur tal-Qrati fir-risposta tieghu.

7.2. Dak li gara wara hu evidenti. Mercieca u Portelli kkonsultaw lil Dr. Victor Zammit qua “Director Legal Services” u dan tahom parir li jimxu u jibbazaw ruhhom skond dak li jistipula l-Artikolu 750 tal-Kap. 12 (ara xiehda, fol. 83, in kontro-ezami). Albert Portelli (fol. 84), fil-fatt, xehed hekk:

“Il-pozizzjoni skond il-parir li hadna minghand Dr. Victor Zammit hija f’kaz ta’ cens perpetwu jinhadem fuq ic-cens ta’ 25 sena u f’kaz ta’ kera fit-tul fit-terminu t-taxxa tinhadem fuq iz-zmien kollu rimanenti.”

Ta’ min hawn jinnota li waqt il-gbir tal-provi, il-partijiet xi minn daqqiet jikkoncentraw fuq l-aspett koncernenti l-valur tal-kawza fir-rigward tal-hlasijiet ta’ kera ghar-rimanenti perijodu li baqa’ skopert, u f’waqtiet ohrajn jikkoncentraw, b’mod pjuttost konfuz, dwar jekk il-valur tal-penali talvolta dovuta kienx wiehed determinat jew ta’ lanqas determinabbli.

8. Mix-xiehda mbaghad moghtija mill-appellat Dr. Hugh Peralta stess (ara fol. 67 et seq. tal-process) ghandu jirrizulta inter alia li l-aktar li hassu urtat dan il-konsulent kien fl-imputazzjoni li huwa donnu agixxa b’mod li fornixxa taghrif skorrett jew li ghamel xi dikjarazzjoni mhux skond il-volonta` tal-klijenti tieghu. Haga din li hu kien iqisha bhala asserzjoni inaccettabbli. Madanakollu, jibqa’ xorta wahda l-fatt li bejn dak li kien qieghed jifhem is-Sur Anthony Borg u bejn dak li kien qieghed jifhem “a sua volta”, Dottor Peralta, kienet tezisti divergenza. Li huwa zgur hu li anki Dr. Peralta jikkoncedi li s-Sur Bog kien gia` gharrfu x’kien aktarx ser ikun l-ezitu – wiehed negattiv – dwar it-talba taghhom ghall-hlas ta’ penali. L-appellat Peralta (fol. 68) jixhed hekk in propozitu:
“Dwar id-diskussjoni tat-Lm200 niftakar li s-Sur Borg kien qalli isma dawn il-flus mhux ha nigbruhom u fil-fatt kont nizziltha fl-ittra hekk pero` illi kienet intiza cara illi jiena ha niddikjara bhala penali dak li hemm fic-citazzjoni u cioe` Lm200 (per diem) u spjegajtlu wkoll, f’mohhi huwa car u tond u dritt u hekk huwa...”.

9. F’dawn ic-cirkostanzi kif hawn fuq esposti, din il-Qorti m’hijiex konvinta, kif dehret li kienet konvinta l-ewwel Qorti, li ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-valur reali tal-penali talvolta pagabbli u esigibbli minghand l-inkwilin seta’ tassew jitqies li dan kien wiehed determinat jew inkella determinabbli kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti. Kien pjuttost evidenti li din it-talba saret “tanto per”, fis-sens li ovvjament kienet tpoggi lill-inkwilin zgumbranti taht

pressjoni akbar biex huwa jfittex jivvaka l-fond lokat fl-iqsar zmien possibbli ghal fini ta' ripreza da parti tas-sid. Fl-istess waqt, minkejja li fit-teorija seta' kien hemm indizji li jwasslu biex jigi stmat valur ta' penali ghall-ammont ta' Lm113,000 (ekwivalenti ghal €263,219.19c) jew addirittura ammont aktar minn daqstant, fir-realta` kulhadd kien edott mill-fatt li dan ma kienx ser ikun il-kaz fic-cirkostanzi partikolari tal-kawza rigwardanti l-izgumbrament ta' l-inkwilin. Dan kollu m'ghandu jissorprendi lil hadd ghaliex jekk wiehed jezamina akkuratament il-provi kollha prodotti jsib li anke l-appellati kienu kompletament konsapevoli ta' dan l-istat ta' fatt. Hekk, per ezempju, is-Sur Frank Mercieca, dak iz-zmien deputat registratur fil-Qorti, f'waqt minnhom jixhed hekk fid-deposizzjoni tieghu (ara fol. 72) dwar il-valur tal-penali;
"Jekk niftakar sew meta kienet giet tkellimni id-Dottoressa Grima (ko-appellata), jiena tlabtilha valur u konna tkellimna b'mod informali fuq it-taxxa jekk il-valur ikun tant u jiena ovvjament kont irrispondejtha d-domandi li kienet staqsietni Dr. Grima. Eventwalment imbaghad kienet gabitli nota ta' Lm113,000. Qed nara kopja tan-nota in kwistjoni u jista' jkun illi probabbli li kien hemm nota qabilha li kienet ghal valur ta' Lm9,000 ...".

10. In rikapitulazzjoni ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi:
"(1) l-appellati Dr. Hugh Peralta u Dr. Noella Grima kellhom dritt li jitolbu li tinhareg taxxa tad-drittijiet taghhom minkejja l-fatt li huma kienu rrinunzjaw ghall-patrocinju tas-socjeta` rikorrenti appellanti qabel ma giet determinata finalment l-istess kawza;

"(2) li l-appellati, u ergo anke dak li gie ritenut fis-sentenza appellata, huma zbaljati li jirritjenu li l-valur tal-kawza dwar ir-rexissjoni tal-lokazzjoni u l-izgumbrament konsegwenzjali ghandu jinhadem biss fuq dak li jinghad fl-Artikolu 750 tal-Kap. 12. Ghall-kuntrarju, hija l-fehma ta' din il-Qorti li fil-kaz ta' kirjiet, xorta wahda ghandu jigi applikat "capping" kif jissemma' fl-Artikoli 748 u 749 ta' l-istess Kap. minkejja li r-riferenza hemmhekk hija dwar kazi ta' enfitewsi;

"(3) li f'dan il-kaz, il-valur tal-penali, ankorke` fit-teorija kien wiehed determinabbli, fir-realta` qatt ma kien hemm hsieb jew prospett li l-kreditur seta' jippercepixxi l-ammont ta' Lm113,000 in linea ta' penali u li b'dan il-fatt kienu pjenament konsapevoli wkoll u minn qabel l-appellati Dr. Peralta u Dr. Grima li f'dak iz-zmien kienu qeghdin jippatrocinaw lis-socjeta` appellanti;

"(4) li s-sottomissjonijiet tar-Registratur tal-Qorti, fid-dawl tas-suespost, dwar il-korrettezza tat-taxxa, minnu finalment emessa – huma infondati;

"(5) illi ghalhekk isegwi li l-aggravji tas-socjeta` appellanti huma fondati u l-appell taghha jimmerita li jigi milqugh.

"Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell interpost mis-socjeta` rikorrenti appellanti, tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-28 ta' April 2005 u dana billi tilqa' t-talbiet attrici kontenuti fir-rikors tal-14 ta' Jannar 2004, u fl-istess waqt tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, b'mod ghalhekk li din il-Qorti qed thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet ghas-somma ta' disat elef hames mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm9,541.55) drittijiet u VAT, ghall-prestazzjonijiet professjonali fil-kawza St. George's Park Company Limited vs. Clouds Ltd. et, citazzjoni numru 1908/00GV, notifikata lis-socjeta` appellanti odjerna permezz ta' ittra ufficjali fit-22 ta' Dicembru 2003; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima (illum Azzopardi Grima) u r-Registratur tal-Qorti solidament bejniethom."

## Talba ghar-ritrattazzjoni

Il-konvenuti appellati fil-proceduri fuq imsemmija hassew ruhhom aggravati bis-sentenza ta' din il-Qorti, kif dakinhar komposta, u ghalhekk, b'rikors intavolat fis-6 ta' Ottubru, 2008 talbu r-ritrattazzjoni ta' din il-kawza a tenur ta' l-Artikolu 811 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Kodici Civili inkwantu qed jigi allegat li l-Qorti applikat l-Artikolu 748 u 749 (gja

Art 750) tal-Kodici tal-Procedura Civili minflok l-Artikolu 755 u 756(i) tal-istess Kodici (vide pagna tlieta tar-rikors imsemmi).

L-Artikolu 811(e) jipprovdi li "*Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjien: (e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin.*"

L-istess subinciz jipprovdi li "*ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni.*"

F'talba ghar-ritrattazzjoni taht dan is-subinciz huwa wkoll mehtieg *li tissemma l-ligi li kien imissha giet applikata.* (Artikolu 816 Kap 12.)

Ghal ahjar intendiment ta' din is-sentenza huwa opportun li f'dan l-istadju jerghu jigu riprodotti fil-qosor il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri:

Is-socjeta` St. George's Park Company Limited kienet intavolat proceduri gudizzjarji fl-ismijiet *St. George's Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et* (Citaz. Nru 1908/00GV). Dawn il-proceduri kienu jinvolvu talba lill-Qorti biex tiddikjara illi bl-agir taghha is-socjeta` konvenuta Clouds Catering Limited kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt lokatizju vigenti mas-sid St. George's Park Company Ltd datat 15 ta' Ottubru, 1988. Konsegwentement, intalbet ir-rizoluzzjoni tal-kirja skond it-termini tal-istess skrittura u l-izgumbrament tal-konvenuti fi zmien qasir u perentorju. Intalbet ukoll il-likwidazzjoni ta' ammont dovut bhala penali skond il-kuntratt lokatizju, kif ukoll il-hlas tal-istess penali.

F'dawk il-proceduri s-socjeta` attrici St George's Park kienet rapprezentata mill-avukati Noella Grima u Hugh

Peralta, biss dawn irrinunzjaw il-patrocinju waqt is-smigh tal-kawza, wara li nghalqu l-proceduri bil-miktub izda qabel mal-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Wara li ottenew taxxa tad-drittijiet taghhom ghas-servizzi prestati, fil-15 ta' Dicembru, 2003 l-Avukati Grima u Peralta ipprezentaw ittra ufficjali li permezz taghha interpellaw lis-socjeta` St. George's Park thallashom is-somma ta' LM9,541.55 bhala drittijiet u VAT fil-proceduri imsemmija. Din l-interpellazzjoni giet kontestata mis-socjeta` St. George's Park li konsegwentement istitwit dawn il-proceduri sabiex it-taxxa tigi dikjarata irregolari u konsegwentement inattendibbli.

Fl-istess zminijiet l-Avukati Grima u Peralta kienu wkoll qed jippatrocinaw lill-istess socjeta` St. George's Park fi proceduri ohrajn kontra s-socjeta` Premier Investments Limited (Citaz. Nru. 2736/99) u f'dawk il-proceduri gara l-istess haga u cioe` kien hemm ir-rinunzja tal-patrocinju da parti tad-difensuri u meta s-socjeta` St. George's Park giet interpellata thallas d-drittijiet u spejjez taghhom, gew, anke f'dan il-kaz, istitwiti proceduri biex tigi attakkata t-taxxa rilaxxjata mir-Registratur tal-Qorti.

Dawn il-proceduri gew appuntati quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili biss filwaqt li dawk li jikkoncernaw din is-sentenza gew appuntati quddiem l-Imhallef Tonio Mallia bin-numru 21/04, il-proceduri dwar it-taxxa fil-kawza kontra Premier Investments Limited gew appuntati quddiem l-Imhallef Giannino Caruana Demajo u jgiebu n-numru 20/04.

Fiz-zewg proceduri il-punti principali kienu:
"a) il-fatt li la darba l-kawza ghadha pendenti quddiem il-Qorti, taxxa finali ta' drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma l-kawza tigi deciza;

"b) il-metodu ta' intaxxar uzat mir-Registratur huwa erronju u irregolari.

Dwar il-metodu tal-intaxxar il-kwistjoni ewlenija fiz-zewg kawzi kienet jekk id-dritt intaxxat "*ad valorem*" fuq il-

lokazzjoni ghandux jinhadem fuq massimu ta' hamsa u ghoxrin sena jew inkella fuq iz-zmien kollu li fadal mill-kirja ukoll jekk huwa ta' aktar minn 25 sena.

F'dawn il-proceduri hawn fuq imsemmija nghataw zewg sentenzi mill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Dik mertu ta' dawn il-proceduri giet pronunzjata fit-28 ta' April, 2005 mentri r-rikors 20/04(GCD) gie deciz fid-9 ta' Gunju, 2005 u, filwaqt li fis-sentenza moghtija mill-Imhallef Mallia giet michuda t-talba ta' St. George's Park u konsegwentement dikjarata valida t-taxxa rilaxxjata mir-registratur tal-Qrati, fis-sentenza pronunzjata mill-Imhallef Caruana Demajo l-istess talba tas-socjeta` rikorrenti giet milqugha u konsegwentement gie ordnat li tithassar l-istess taxxa tad-drittijiet tal-Avukati Grima u Peralta fil-proceduri 2736/99. Ghandu jinghad ukoll li, minkejja l-konkluzzjonijiet divergenti dwar il-validita` tat-taxxi rilaxxati, fiz-zewg sentenzi imsemmija l-ewwel aggravju tas-socjeta` St. George's Park gie michud billi fiz-zewg kazi gie ritenut li l-Avukat ghandu dritt jitlob taxxa tad-drittijiet tieghu fil-mori tal-proceduri meta jkun hemm rinunzja tal-patrocinju jew abbandun da parti tal-klient.

Minn dawn iz-zewg sentenzi konfliggenti gew intavolati appelli quddiem din il-Qorti. Naturalment f'dawn il-proceduri cioe` 21/04 l-appell gie prezentat mis-socjeta` sokkombenti, mentri fil-proceduri 20/04 l-appell sar mill-avukati Grima u Peralta gia difensuri tas-socjeta` attrici. B'zewg sentenzi ta' din il-Qorti, kif dak inhar komposta, moghtija t-tnejn fl-4 ta' Lulju, 2008, is-sentenza moghtija fil-proceduri 20/04 giet konfermata filwaqt li s-sentenza moghtija fil-proceduri 21/04 (mertu ta' dan ir-rikors) giet revokata b'dana li issa t-taxxi in kwistjoni gew it-tnejn dikjarati nulli u invalidi. Inoltre mas-sentenza moghtija fir-rikors 21/04 giet annessa kopja tas-sentenza moghtija dak inhar stess fil-proceduri Citaz. Nru.20/04 "*biex tifforma parti integrali minn din is-sentenza.*" Proceduri ghar-ritrattazzjoni gew istitwiti mill-Avukati Grima u Peralta fiz-zewg kazi u taht l-istess ragunijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-process istitwit taht l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet jinkorpora gewwa fih zewg stadji. Dak hekk maghruf bhala "*in rescindente*" cioe` fejn il-Qorti tara jekk hemmx lok li s-sentenza ritrattata tithassar u dak "*in rescissorio*" fejn il-Qorti, darba li tigi rexissa s-sentenza soggetta ghar-ritrattazzjoni, tiddeciedi hija stess il-mertu tal-kawza. Huwa risaput li fl-istadju "*in rescindente*" il-Qorti ghandha biss tezamina jekk kinux jezistu jew le ragunijiet fil-ligi biex tigi milqugha t-talba biex is-sentenza annullata tigi impunjata. "*Hu ghalhekk li f'dan l-istadju l-Qorti ma kellhiex u m'ghandhiex tinoltra ruhha f'indagini dwar l-aggravji fil-mertu li immotiva t-talba ghal ritrattazzjoni … Kellha biss tillimita ruhha biex tistabilixxi jekk kienx hemm dawk ir-ragunijiet precizi dedotti mir-ritrattand li kellhom jinkwadraw ruhhom fil-parametri stretti li l-ligi stess timponi.*" (Formosa vs Peralta Appell 6/10/2000).

Kif gja inghad t-talba tal-Avukati Grima u Peralta hija bazata fuq is-subinciz (e) tal-Artikolu 811 billi qed jigi allegat li l-Qorti applikat il-ligi hazin. Gie rilevat fir-risposta tas-socjeta` St. George's Park li, kuntrarjament ghal dak li hu espressament rikjest f'kawzi ta' ritrattazzjoni, ir-rikorrenti "*naqsu li jindikaw s-subinciz specifiku illi a bazi tieghu qeghdin jitolbu t-thassir u r-ritrattazzjoni tas-sentenza waqt li fl-introduzzjoni ghar-rikors indikaw l-Artikolu 811 (c) tal-Kap 12.*" Dan is-subinciz (c), qed jigi sottomess, huwa ghal kollox irrilevanti ghal kaz in ezami billi jittratta l-kaz ta' meta wahda mill-partijiet ma tkunx persuna legittima. Ghalkemm dan huwa minnu jidher li dan jammonta ghall-semplici zball billi sew minn dak li jinghad fil-pagna numru tlieta tar-rikors, fejn issir referenza specifika ghas-subinciz (e) ta' l-istess artikolu, kif ukoll mill-korp tar-rikors kollu, jidher car li t-talba ghar-ritrattazzjoni hija msejsa fuq il-fatt li l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin u cioe` artikolu tal-ligi minn flok artikolu iehor.

Qed jigi sottomessi mir-rikorrenti ritrattandi li t-talba taghhom hija gustifikata nkwantu l-ewwel Qorti applikat l-Artikolu 748 u 749 tal-Kodici tal-Procedura Civili minflok l-Artikolu 755 u 756(1) tal-istess Kodici. Il-kontro-parti toggezzjona ghal dan billi ssostni li r-raguni mressqa mir-rikorrent fil-verita` ma tinkwadrax ruhha taht dan is-

subinciz u dana a tenur tal-proviso li jikkwalifika s-subinciz (e) tal-Artikolu 811 li jipprovdi li "*Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni.*" Dan gie dejjem interpretat fis-sens li jista' jkun hemm lok ghar-ritrattazzjoni taht dan is-subinciz jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, il-Qorti tkun applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat.

Issa fil-kaz in ezami r-rikorrenti jsostnu li ghalkemm hemm diversi provvedimenti fil-Kap 12 li jikkoncernaw "*il-valur ta' l-oggett fil-kawza*" l-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jistabilixxi procedura u mod partikolari ghal kif issir il-valutazzjoni meta *si tratta* ta' kuntratti ta' kiri fejn it-talba *in causa* tkun tikkoncerna l-ezistenza jew il-validita` taghhom, inkella dwar it-tmiem taghhom qabel iz-zmien miftiehem (Art. 755). Tant hu hekk, qed jigi rilevat, li l-Artikolu 756 jaghmel applikabbli l-istess regoli fil-kazi ta' kawzi ghall-izgumbrament tal-kerrej minhabba li jkun baqa' lura fil-hlas tal-kera, <u>jew ghal raguni legittima ohra.</u> Ir-rikorrenti jargumentaw li la darba l-kaz sotto ezami jikkoncerna l-izgumbrament tal-inkwilin "ghal raguni legittima" l-valur tal-kawza ghandu jigi stabbilit billi "<u>*jinghadd il-kera ghaz-zmien kollu li jkun fadal biex jispicca l-kuntratt.*</u>" Proprju dak li sar biex gie komputat id-dritt tad-difensuri fit-taxxa kontestata. Dan il-provvediment, skond ir-rikorrenti, huwa car u ma jehtieg ebda interpretazzjoni u fi kwalunkwe kaz ma nghatat ebda interpretazzjoni billi l-Qorti ta' l-Appell, bhal qorti ta' l-ewwel istanza qabilha fil-kaz 20/04, ghamlet referenza ghal dak li jinghad fl-Artkolu 749 tal-Kap 12 biex irrilevat certa "anomalija" fil-komputazzjoni tal-valur in kawza bejn meta *si tratta* ta' valur ta' immobbli li jehtieg "*capping*" billi hemm limitu ta' hamsa u ghoxrin sena fil-multiplikazzjoni tar-renta netta tas-sena li tahbat l-ahhar qabel ma gew istitwiti l-proceduri u dak li l-ligi tipprovdi fil-kaz ta' komputazzjoni tal-valur fil-kawza meta *si tratta* dwar terminazzjoni ta' kirja.

Ir-rikorrenti jsostnu li, bhal ma gie ritenut mill-Qorti ta' l-ewwel istanza fil-proceduri odjerni, il-valur in kawza, trattandosi dwar zgumbrament minn fond mikri, kellu jigi komputat skond ma jipprovdi l-Artikolu 755(b) tal-Kap 12 u xejn aktar.

Din hija fehma ta' din il-Qorti ghax jidher li l-kwistjoni hawn mhix wahda ta' interpretazzjoni izda ta' applikazzjoni ta' ligi kif kellha tigi applikata.

Hemm imbaghad il-kwistjoni tal-penali dovuta skond il-kuntratt ta' lokazzjoni f'kaz li l-inkwilin jonqos li jivvaka l-fond hekk kif jigi dikjarat inadempjenti ta' l-obbligi kuntrattwali u konsegwentement l-kirja tigi terminata. Fis-sentenza tal-4 ta' Lulju, 2008 fil-kawza mertu ta' din ir-ritrattazzjoni gie rilevat li ma kellux jittiehed in konsiderazzjoni valur, jekk mhux wiehed mominali, fil-komputazzjoni tal-penali ghall-finijiet tat-taxxa u dana billi r-rapprezentant tas-socjeta` ritrattata kien esprima l-opinjoni tieghu mal-Avukat Peralta li ma kien hemm ebda possibbilita` li tali penali tingabar. Konsegwentement din il-Qorti, kif diversament komposta, irriteniet li kien piuttost evidenti li din it-talba (ghal penali) kienet "*saret "tanto per" fis-sens li kienet tpoggi lill-inkwilin zgumbranti taht pressjoni akbar biex huwa jfittex jivvaka l-fond lokat fl-iqsar zmien possibbli ghal fini tar-ripreza da parti tas-sid.*" Qed jigi sottomess fir-rigward, u ma' dan taqbel din il-Qorti, li, f'materja ta' intaxxar ta' drittijiet tad-difensuri fi proceduri legali, ir-Registratur u sahansitra l-Qorti ma ghandhiex thares lejn kemm sentenza tista` tigi ezegwita izda ghandu jittiehed biss konsiderazzjoni ta' dak li jkun qed jintalab fil-kawza. Altrimenti tinholoq incertezza fl-intaxxar tad-drittijiet tad-difensuri billi jigu introdotti konsiderazzjonijiet ohra li ma johorgux mil-ligi.

Dan premess din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti ssosdifaw il-provvedimenti tal-Artikolu 811(e) tal-Kap 12 kif ukoll dak li hemm provdut fl-Artikolu 816 tal-istess Kodici u l-aggravji u ragunamenti mressqa huma tali li jiggustifikaw li l-kawza tigi ritratta a tenur tal-Artikolu 811(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement din il-Qorti qed tirrexindi s-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta'

Lulju, 2008 fil-kawza fl-ismijiet “St. George’s Park Company Limited vs Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, Ir-Registratur tal-Qorti u l-P.L. Edgar Montanaro” ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**It-tieni stadju.**

F’dan l-istadju din il-Qorti ghandha terga’ tezamina denovo l-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija (Rikors numru 21/04) biex tiddeciedi jekk r-ragunijiet mressqa mir-ritrattand jiggustifikaw konkluzzjoni ohra minn dik milhuqa fis-sentenza rexissa, dan naturalment fuq il-fatti rizultanti fil-process.

Jidher li l-kontendenti, kemm fl-atti bil-miktub, kif ukoll fit-trattazzjoni orali, ressqu l-argumenti kollha relevanti in sosten tal-pozizzjoni taghhom u kwindi din il-Qorti thoss li tista’ tipprocedi ghall-konsiderazzjoni tal-appell interpost mis-socjeta` ‘St. George’ s Park’ mis-sentenza tal-Prim Awla tat-28 ta’ April 2005 u tiddeciedi l-istess.

Il-fatti tal-kaz huma dawk kif gia` riprodotti hawn fuq. A skans ta’ ripetizzjoni huwa bizzejjed li jinhad li s-socjeta` attrici ritrattata kienet istitwit proceduri biex tattakka taxxa ufficjali mahruga mir-Registratur tal-Qorti fejn kienu gew determinati d-drittijiet professjonali tal-Avukati Grima u Peralta fil-proceduri “St. George’s Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et (Citazzjoni numru GV) u fliema proceduri l-istess Avukati kienu rrinunzjaw l-patrocinju tas-socjeta` St. George’s Park qabel ma l-kawza thalliet ghas-sentenza.

L-ilmenti mressqa mis-socjeta` St. George’s Park kontra t-taxxa in kwistjoni kienu bazikament tnejn. Fl-ewwel lok inghad li d-drittijiet tal-avukati difensuri taghha ma setghux jigu kalkolati qabel ma tigi deciza finalment il-kawza. Fit-tieni lok is-socjeta` in kwistjoni kienet qed toggezzjona il-metodu ta’ intaxxar uzat mir-Registratur billi dan, skond l-istess socjeta` kien erroneju u irregolari u fi kwalunkwe kaz ma saret ebda referenza ghall-Kodici tal-Etika u Mgieba tal-Avukati bhala kriterji li ntuzaw ghall-intaxxar tal-kawza.

**Dwar jekk setghetx tinhareg taxxa fil-mori tal-proceduri.**

Jidher li l-ewwel ilment mressaq mis-socjeta` St. George's Park ma ghandu ebda fondament legali. Infatti l-paragrafu 33 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem car meta jghid li "*Jekk Avukat jitlaq il-klient jew jigi abbandunat mill-klient wara li r-rikors, ic-citazzjoni, in-nota tal-eccezzjonijiet jew ir-risposta tkun giet prezentata ……. Izda qabel ma tigi differita l-kawza ghas-sentenza, jkun intitolat ghal zewg terzi tad-dritt normali.*" Id-dritt normali huwa dak li r-Registratur tal-Qorti jkun jista' jistabilixxi f'dak l-istadju tal-kawza mill-atti tal-kawza skond ir-regoli kontenuti fl-istess Kodici ta' Procedura. Imkien ma jissemma li l-Avukat in kwistjoni ghandu jistenna l-ezitu finali tal-proceduri li taghhom ikun qed jirreklama dak il-kumpens. Lanqas ma hu hekk mistenni minnu tant hu hekk li skond il-prassi avukat iehor ma jkunx intitolat li jassumi l-patrocinju tal-klient hekk abbandunat qabel ma jigu saldati d-drittijiet ta' l-avukat precedenti. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u ser jigi michud.

**Dwar il-metodu tal-intaxxar.**

Jidher li hemm qbil bejn il-kontendenti li f'dan il-kaz, fejn il-konvenuti appellati kienu abbandunaw lill-klient qabel ma l-kawza giet imhollija ghas-sentenza, ghandu japplika dak li hemm provdut fil-paragrafu 33 tat-Tariffa E annessa mal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili fis-sens li d-difensuri li jkunu hekk abbandunaw lill-patrocinat taghhom ikunu intitolati ghal zewg terzi tad-dritt li jigi ntaxxat a tenur tal-Paragrafu 13 tal-istess Tariffa E. Dan il-Paragrafu 13 jistabilixxi d-dritt tal-avukat ghal kull sentenza definittiva billi jiddetermina dak id-dritt dovut skond il-valur *in causa.* Jinghad f'dan ir-rigward li l-paragrafu 14 tal-istess Tariffa E jiddisponi li "*Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.*"

Il-kwistjoni mertu ta' dawn il-proceduri tikkoncerna bazikament il-valur tal-kawza billi qed jigi sottomess mis-socjeta` attrici li l-ammonti mehuda in konsiderazzjoni ghall-fini tat-taxxa ma jirrispekkjawx dak li hemm provdut fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi, skond l-atturi, ma nghatat ebda konsiderazzjoni ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 749 tal-Kap 12 meta gew applikati l-Artikoli 750, 755 u 756 tal-istess Kodici. Fil-qosor qed jigi sottomess li sabiex jigi determinat il-valur in kawza, essendo din kawza dwar terminazzjoni ta' lokazzjoni, ma ghandhomx jittiehdu r-renti kollha dovuti ghaz-zmien kollu li jkun fadal skond il-kuntratt ta' lokazzjoni, kif jipprefiggi l-Artikolu 750 izda ghandu jkun hemm "*capping*" kif hemm provdut fl-Artikolu 749 billi r-renta netta ta' sena tigi multiplikata ghal hamsa u ghoxrin darba. Barra minn hekk qed jigi sottomess li ghal dak li hija *penali* l-ammont li gie dikjarat ghal fini tat-tassazzjoni tad-dritt ma kienx skond il-volonta` tal-klient billi r-rapprezentant tas-socjeta` attrici kien esprima l-opinjoni tieghu li din il *penali* ma kinitx ser tingabar.

**Dwar valur in kawza f'kawzi koncernanti kirjiet.**

L-Artikolu 750 tal-Kap 12 jiddisponi li l-valur tal-jedd temporanju ghac-cnus, renti, jew hlasijiet ohra ta' kull sena, jigi determinat mill-ammont totali tar-renta netta ghaz-zmien li jkun fadal, billi r-renta ta' kull sena tigi ikkalkulata, meta ma tistax tigi determinata xort'ohra, fuq ir-renta tas-sena ta' qabel. L-Artikolu 755 jipprovdi li fil-kawzi dwar l-ezistenza jew validita` ta' kuntratti ta' kiri, inkella dwar it-tmiem taghhom qabel iz-zmien mifthiem, il-valur jigi stabbilit:- (a) fl-ewwel kaz (cioe` f'kawzi dwar l-ezistenza jew il-validita` ta' kuntratti ta' kiri), billi jinhadd il-kera taz-zmien kollu li ghalih, bhal ma tippretendi l-parti, il-kuntratt ghandu jibqa' jsehh; u (b) fit-tieni kaz (cioe` f'kawzi dwar it-tmiem ta' kuntratti ta' kiri qabel iz-zmien mifthiem), billi <u>jinghad il-kera ghaz-zmien kollu li jkun fadal biex jispicca l-kuntratt</u>. (sottolinear ta' din il-Qorti). Finalment fl-Artikolu 756(1) huwa previst li r-regola migjuba fil-paragrafu (b) ta' l-ahhar artikolu qabel dan tghodd <u>ghall-kawzi ta' zgumbrament</u> ta' kerrej minhabba li

jkun baqa’ lura fil-hlas tal-kera, jew ghal raguni legittima ohra.

Qed jigi sottomess mis-socjeta` attrici appellanti li dawn l-artikoli ma ghandhomx jigu applikati b’mod strett u minghajr ma ssir referenza ghal dak li l-istess Kap 12 jipprovdi fir-rigward ta’ valur ta’ immobbli fejn l-Artikolu 749 jipprovdi ghal *capping* b’multiplikazzjoni ghal hamsa u ghoxrin darba tar-renta netta tas-sena li tahbat l-ahhar billi dan johloq anomalija fil-ligi billi jgieb l-valur ta’ kuntratt ta’ kiri jissupera valur ta’ immobbli.

Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni ghar-ragunijiet segwenti.

1) L-Artikolu 748 jispecifika li l-valur ta’ l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba (a) meta t-talba hija ghall-hlas ta’ somma determinata, jew (b) meta t-talba hija ghall-haga li l-valur taghha hu determinat fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni, jew f’xi kitba ohra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta’ kullhadd, jew bil-prezz kurrenti. Issa fil-kaz in ezami r-relazzjoni ta’ bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` Clouds Catering Limited kienet regolata permezz ta’ skrittura li mhux biss stabbilit l-kera li kellu jithallas izda ddeterminat ukoll l-perjodu lokatizzju. Jidher ghalhekk li l-valur tal-kawza seta’ facilment jigi determinat, ghal finijiet ta’ dak li hemm provdut fl-Artikolu 750, billi jinghadd l-ammont totali tar-renta netta ghaz-zmien kollu li kien fadal.

2) L-Artikolu 749 tal-Kap 12 mhux applikabbli ghall-kaz sottoezami billi dan jitkellem fuq valur ta’ immobbli, meta mhux determinat bil-mod imsemmi fl-artikolu precedenti u dan billi hawn qed nitkellmu fuq valur in kawza determinat *fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni* kif previst fl-Artikolu 748.

3) Minn qari tal-artikoli kollha li jikkoncernaw d-determinazzjoni tal-valur in kawza jidher li l-legislatur iddistingwa bejn diversi kawzi u f’kull kaz stabilixxa l-mod kif dak il-valur ghandu jigi determinat. Hekk per ezempju nsiebu li f’kaz ta’ kawza koncernanti *vitalizju* l-valur jigi

determinat mir-renta netta tas-sena ta' qabel immultiplikata ghaxar darbiet. (Art. 751). F'kawzi ta' *manteniment* il-valur tat-talba jkun l-ekwivalenti ta' l-ammont ta' manteniment mitlub bhala dovut ghal hames snin. (Art. 752). Fil-kawzi li jirrigwardaw l-esekuzzjoni ta' *obbligazzjonijiet* li ghandhom jithallsu f'rati, il-valur jigi determinat mis-somma mitluba ghar-rata jew ghar-rati maghluqa sal-gurnata tat-talba. (Art. 753). F'kawzi fejn l-attur jitlob il-*hlas ta' diversi somom* bhala li ghandhom jinghataw lilu ghal ragunijiet diversi, il-valur jigi determinat mill-oghla somma, bla ma jitqiesu s-somom izghar. (Art. 759). Imbaghad l-Artikolu 757 jikkontempla sitwazzjonijiet ta' kiri meta ma jigix allegat li l-kiri sar ghal zmien determinat, fliema kaz jekk il-kiri jkun ta' bini, il-valur jigi determinat mis-somma tal-kera ta' kull rata, jew, jekk il-kiri jkun ta' raba', mil-qbiela ta' sena. Minn dan kollu din il-Qorti tifhem li l-legislatur kien ben konxju tad-diversi kawzi li jistghu jinqalghu u pprovda espressament ghal kull kaz partikolari. Dan jfisser li meta l-legislatur iddispona kif fuq inghad fl-Artikoli 750, 755 u 756, ried li fil-kazi ta' tmien ta' kirjiet u zgumbramenti minn fondi lokati ghal terminu determinat il-valur in kawza jigi determinat bil-mod hemm indikat minghajr ma ssir referenza ghal xi artikoli ohra tal-ligi li jittrattaw relazzjonijiet distinti minn kuntratti ta' kiri. Dan jidher car kemm mill-mod kif inhuma redatti l-artikoli in kwistjoni kif ukoll mid-distinzjoni netta bejn kawzi koncernanti kuntratti ta' kiri u sitwazzjonijiet ohra kif hawn fuq riportati. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-valur in kawza ghal dak li jikkoncerna t-terminazzjoni tal-kirja gie komputat tajjeb mir-Registratur u konsegwentement t-taxxa minnu mahruga f'dana r-rigward ma hijiex affetta minn zball jew xi nullita`.

**Dwar il-penali.**

Fic-citazzjoni numru 1908/2000 fil-kawza fl-ismijiet "Sait George's Park Company Limited vs Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti" intavolata fid-19 ta' Settembru, 2000 is-socjeta` attrici wara li ppremettiet li s-socjeta` konvenuta kienet ikkontraveniet l-obbligazzjonijiet imposti fuqha fil-kuntratt lokatizju tal-15 ta' Ottubru, 1988 u li konsegwentement kienet intitolata tittermina, kif

effettivament ghamlet, l-istess kuntratt ta’ lokazzjoni, ppremettiet ukoll is-segwenti:

“*Peress illi fil-kaz ta’ terminazzjoni tal-istess kirja huwa kontemplat f’artikolu 11 tal-kuntratt hawn fuq imsemmi penali ta’ mitejn lira Maltin (LM200) kuljum fil-kaz lis-socjeta` konvenuta tonqos mill-obbligu taghha li tirrestitwixxi immedjatament mat-terminazzjoni ta’ l-istess kirja c-cwievet tal-fond in kwistjoni jew f’kaz illi tostakola lis-socjeta` attrici milli tiehu lura l-pussess vakanti ta’ l-istess fond;*
*“Peress illi l-penali hawn fuq imsemmija tibda tiddekorri mill-istess data ta’ terminazzjoni kif hawn fuq spjegat;*
*“Peress illi ghalhekk il-konvenuti ghandhom jhallsu l-istess penali lis-socjeta` attrici minn din l-istess data sad-data meta s-socjeta` konvenuta tivvaka l-istess fond u jirripristina fil-pussess vakanti lis-socjeta` attrici”*

Dan premess is-socjeta` attrici fost it-talbiet maghmula biex jigu decizi mill-Qorti talbet li dik il-Qorti:
“4. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici il-penali kif stipulat fil-kuntratt lokatizzju (para 11) hawn fuq citat sal-jum tal-effettiv konsenja tac-cwievet u tal-fond vakanti;

“5. tillikwida l-ammont dovut in linea ta’ penali.

“6. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma hekk likwidata lis-socjeta` attrici.”

Minn kif inhi mfassla c-citazzjoni imsemmija u t-talbiet hemm kontenuti ma hemmx dubbju li l-intenzjoni tas-socjeta` attrici kien li tipprevalixxi ruhha mid-dritt taghha naxxenti mill-kuntratt lokatizzju u cioe` li tezigi l-hlas ta’ penali mis-socjeta` konvenuta kemm-il darba din l-istess socjeta` tonqos li taghti lura l-post vakanti lis-socjeta` attrici u dana mid-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt skond kif previst fl-istess kuntratt. Ix-xhud Anthony Borg infatti jikkonferma li qabel ma gietipprezentata c-citazzjoni “*kont rajtha u fil-fatt nikkonferma illi fl-att tac-citazzjoni kien hemm miktub espressament illi l-penali kien ta’ LM200 kuljum.*” Jidher wkoll li l-intenzjoni tas-socjeta` attrici

dejjem hekk kienet infatti fic-citazzjoni imsemmija gie indikat bhala konvenut Francis Chetcuti li a tenur tal-klawsola numru 10 tal-kuntratt tal-15 ta' Ottubru, 1988 kien, fil-kapacita` tieghu personali, iggarantixxa favur il-*lessor* "*all the obligations and liabilities including contingent ones of Clouds Catering Limited arising from the covenants of this deed.*" Kien ghalhekk li dik il-Qorti giet mitluba li tiddikjara lil dan Francis Chetcuti "*solidalment responsabbli mal-kumpannija konvenuta u bhala garanti tal-istess versu l-kumpannija attrici, skond l-istipulazzjoni para 10 fil-kuntratt."* Jigi rilevat ukoll li fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` Clouds Catering Limited dan id-dritt ghall-penali ma giex ikkontestat u intqal biss li tali penali mhijiex dovuta nkwantu ma kienx hemm raguni valida ghat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' lokazzjoni.

Jidher ghalhekk li t-talba tas-socjeta` Saint George's Park Company Limited fil-proceduri imsemmija (Citaz. Numru 1908/00) kienet ben definita cioe` li kienet qed issir talba ghal kundanna hlas ta' penali dovuta skond il-kuntratt lokatizzju. Kull ammont reklamat bhala penali kellu ghalhekk jifforma parti mill-massa litiguza ghal fini tat-tassazzjoni tad-dritt tal-Avukati Peralta u Grima fil-kawza Citaz.Nru. 1908/00. U dan jidher li mhux kontestat.

Li qed jigi sottomess mis-socjeta` attrici f'dawn il-proceduri hu li l-*quantum* ta' din il-penali, ghal fini tat-tassazzjoni tad-dritt tal-avukati in kwistjoni kien wiehed eccessiv billi dan il-*quantum* ta' penali reklamata gie indikat f'nota pprezentata minn Dr. Hugh Peralta "*ad insaputa*" tal-istess socjeta` attrici u minghajr il-permess taghha. Qed jigi sottomess ukoll li l-ammont hemm indikat kien eccessiv billi kellu jkun wiehed aktar moderat in vista tal-fatt li r-rapprezentant tas-socjeta` attrici kien informa lil Dr Hugh Peralta li kellu riservi kbar dwar il-possibbilita` li tingabar xi somma minghand il-konvenut b'titolu ta' penali.

F'nota pprezentata fl-atti tal-kawza Citaz. Nru 1908/00 fil-11 ta' April, 2002 jinghad hekk:
"*Nota tas-socjeta` attrici li permezz taghha tiddikjara illi ghall-finijiet ta' taxxa come ceduta il-valur tal-penali fir-*

*raba', hames u sitt talbiet f'citazzjoni fil-kawza hawn fuq premessa huwa ta' LM113,800, ikkalkulat bil-mitejn lira (LM200) kuljum mid-19 ta' Settembru 2000 sal-10 ta' April, 2002 u mhux dak erronjament ikkalkulat fin-nota precedenti presentata llum stess.*"

Din giet iffirmata mill-Avukati Peralta u Grima u l-P.L. Joanna Dingli, pero` din ta' l-ahhar iddikjarat f'affidavit a fol 54 tal-process li hija kienet tat firma *di favore* x'aktarx fuq talba ta' Dr Noella Grima.

Dwar din il-kwistjoni xehdu kemm is-Sur Anthony Borg, *group chief executive* tas-socjeta` St George's Park, responsabbli wkoll ghal kawzi li s-socjeta` tistitwixxi, kif ukoll Dr. Hugh Peralta.

Anthony Borg, fuq il-kwistjoni tal-*quantum* tal-penali fl-ewwel lok ghamel referenza ghall-ittra ta' Dr Hugh Peralta datata 11 ta' April, 2002, (cioe` gurnata qabel ma gietipprezentata n-nota fuq riportata) u ccita t-tieni paragrafu tal-istess ittra li jghid hekk:
*"I refer to the point raised by me during the telecom concerning the claim for payment by defendant of penalty included in the law suite. One has to establish the amount of the penali this is required for the issue of the taxxa by the court registrar. You will appreciate that St Georges are requesting a payment of LM200 per day for the delay in the delivery of the premises. A penali which you said infact will in all probability never be recovered. I have explained to you the situation as above and you have kindly said that I am authorised to indicate a capital sum which I feel is appropriate. I am therefore indicating this sum calculated from the date of the filing of the law suite 19 September 2000 till the date of termination of our service 10$^{th}$ April 2002.* "

Anthony Borg ikompli jghid li "*kif ircevejt din l-ittra jiena l-ghada cempilt lil Dr Hugh Peralta u fil-fatt fuq kopja ta' din l-ittra jien ghamilt nota bil-lapes li qed naraf li hi kitba tieghi u din in-nota tghid hekk:*
*"On receipt of this letter I phoned Hugh that at no point in time we shall be able to recover that at no point in time we*

*shall* [sic] *ever be receiving the penalty refered to hereunder and that therefore a nominal amount is to be indicated.*”

Haga kurjuza pero` li ghalkemm ix-xhud ighid li huwa kien qed jezebixxi kopja ta’ din l-ittra max-xhieda tieghu u li kienet qed tigi mmarkata bhala Dok. AB1, f’dan id-dokument ma hemm ebda indikazzjoni ta’ xi notament kif jinghad minnu u kif fuq riportat. U ghalkemm ix-xhud ighid li dan in-notament sar immedjatament malli irceva l-ittra hu ma deherlux “*li kelli niffaxjahhielu lil Dr Peralta….*” Kompla jghid l-istess Anthony Borg li meta qal lil Dr Peralta “*biex jaghmel valur nominali huwa qabel mieghi u accetta din il-proposta. Niccara illi meta jien kont spjegajtlu is-sitwazzjoni u ghidtlu biex jaghmel figura nominali hu irrisponda fis-sens issa nara x’ghandi naghmel.*”

Meta Dr. Peralta xehed fuq din il-kwistjoni huwa deher li hassu urtat bl-allegazzjoni li huwa kien ghamel xi haga kontra l-volonta` tal-klient u sostna li wara l-ittra tal-11 ta’ April, 2002 huwa ma kellu ebda *instructions* godda dwar il-penali. Infatti hu jghid lil l-ghada tal-ittra s-sur Borg kien mar ghandu biex jigbor id-dokumenti kollha, u li kien anke iffirma il-karti taghhom u jghid “*il-kwistjoni baqghet mixja minn hemm.”* Infatti d-dokument X a fol-88 tal-process jikkonferma dan il-fatt billi jidher li fit-12 ta’ April, 2002 is-sur Borg iffirma dikjarazzjoni fejn attesta li kien qed jircievi d-dokumenti relattivi kemm tal-kawza kontra Clouds kif ukoll kontra Premier Investments (mertu ta’ kawza ohra), li l-istess St George’s Park setghet tinkariga difensur iehor u li d-ditta Hugh Peralta & Associates kienet ser tipprezenta nota ta’ rinunzja ta’ patrocinju tas-socjeta` St George’s. Finalment fl-istess dikjarazzjoni, li hija wkoll iffirmata minn Dr Peralta jinghad hekk: “*It is agreed that the fees due to Hugh Peralta & Associates on these matters will be paid upon presentation of the relative invoice.*” Fl-ebda parti minn dan id-dokument ma hemm xi indikazzjoni li kien hemm xi riserva jew xi disgwid dwar dak li inghad minn Dr Peralta fl-ittra tieghu tal-11 ta’ April, 2002 dwar il-*quantum* tal-penali.

Minn dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-"*understanding*" bejn il-partijiet interessati kien dak li gie dikjarat minn Dr Peralta fl-ittra tieghu tat-12 ta' April, 2002. Wara kollox l-ammont indikat fin-nota ipprezentata minn Dr Peralta u Dr Noella Grima lir-Registratur kienet ferm anqas minn dak li kien qed jigi mitlub fic-citazzjoni billi sa dak inhar u sahansitra anke wara dik id-data, is-socjeta` Clouds Catering ma kinitx ghadha kkosenjata l-pussess liberu tal-fond lilha mikri bil-konsegwenza li l-ammont "*in causa*" bhala penali kien ser jkun ghola minn dak indikat. Jidher li bi prudenza d-difensuri tas-socjeta` St George's Park illimitaw l-ammont ta' penali sad-data li huma tterminaw is-servizzi taghhom lill-istess socjeta`. Kienet ghalhekk f'waqtha l-osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti meta qalet "*Fil-fatt, il-pretensjoni tas-socjeta` attrici kienet ghall-aktar mis-somma indikata fin-nota, u kwindi zgur li ma jistax jinghad li t-taxxa inhadmet kontra l-interessi tas-socjeta` rikorrenti.*"

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell tas-socjeta` St George's Park Company Limited u tikkonferma s-sentenza appellata fit-totalita` taghha bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------